ANNESS

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/…

ta' XXX

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat

ABBOZZ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1), il-punti (a) u (b) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Wara l-adozzjoni tal-Linji Gwida riveduti dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022[2], id-definizzjonijiet u l-Artikoli relatati mal-għajnuna reġjonali fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[3] jenħtieġ li jiġu allinjati sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn is-settijiet differenti ta' regoli li jimmiraw lejn l-istess objettivi. Il-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 jenħtieġ li jiġi aġġustat biex jitqiesu l-bidliet fis-suq u fil-Patt Ekoloġiku[4] u l-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[5]. L-għajnuna operatorja għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-depopolazzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal żoni b'popolazzjoni baxxa, sabiex jiġi ffaċilitat appoġġ aħjar f'żoni li qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi. Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 għal proġetti megħjuna taħt EUR 50 miljun imwettqa minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), il-limiti ta' notifika jenħtieġ li jiġu aġġustati kif xieraq u ċċarati.

---

1 ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat", C(2021) 2594 (ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1).

3 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019) 640 final.

5 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

(2) L-għajnuna għall-bini jew it-titjib tal-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni prinċipalment tindirizza l-falliment tas-suq li jirriżulta minn informazzjoni imperfetta u asimmetrika jew koordinazzjoni li ma ħadmitx. Għall-kuntrarju tal-infrastrutturi tar-riċerka, l-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni jintużaw b'mod predominanti għal attivitajiet ekonomiċi u, b'mod aktar speċifiku, għall-forniment ta' servizzi lill-impriżi. Il-bini jew it-titjib ta' infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni tal-ogħla livell jinvolvu spejjeż kbar ta' investiment minn qabel, li flimkien ma' bażi ta' klijenti inċerta, jistgħu jagħmlu l-aċċess għall-finanzjament privat diffiċli. L-aċċess għal infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni ffinanzjati b'mod pubbliku jrid jingħata fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja u fuq it-termini tas-suq lil utenti multipli. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti għall-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni, it-tariffi tal-utenti tagħhom jistgħu jitnaqqsu f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 jew tar-Regolament *de minimis*[6]. Jekk dawk il-kundizzjonijiet ma jiġux irrispettati, allura l-miżura tista' tinvolvi għajnuna mill-Istat lill-utenti tal-infrastruttura. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-għajnuna lill-utenti jew għall-bini jew għat-titjib hija eżentata biss mir-rekwiżit ta' notifika, jekk l-għajnuna lill-utenti tingħata f'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Diversi partijiet jistgħu jkunu sidien u joperaw infrastruttura partikolari tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni, u l-entitajiet u l-impriżi pubbliċi jistgħu jużaw ukoll l-infrastruttura b'mod kollaborattiv. L-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni huma magħrufa wkoll bħala infrastrutturi tat-teknoloġija.

(3) L-għajnuna għar-ragruppamenti tal-innovazzjoni għandha l-għan li tindirizza l-fallimenti tas-suq marbutin ma' problemi ta' koordinazzjoni li jxekklu l-iżvilupp tar-ragruppamenti, jew li jillimitaw l-interazzjonijiet u l-flussi tal-għarfien fir-ragruppamenti. L-għajnuna mill-Istat tista' jew tappoġġa l-investiment f'infrastrutturi miftuħa u kondiviżi għar-raggruppamenti tal-innovazzjoni, jew tappoġġa l-operat tar-raggruppamenti, bil-għan li ttejjeb il-kollaborazzjoni, in-networking u l-apprendiment. Għajnuna operatorja għal raggruppamenti ta' innovazzjoni jenħtieġ li, madankollu, tkun permessa biss fuq bażi temporanja u għal perjodu limitat. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-faċilitajiet tar-raggruppamenti tal-innovazzjoni jew il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tar-raggruppament tal-innovazzjoni, l-aċċess jista' jiġi offrut bi prezzijiet imnaqqsa f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 jew tar-Regolament *de minimis*[7]. Skont l-objettivi speċifiċi segwiti jew l-attivitajiet u l-funzjonalitajiet offruti, iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali (inklużi ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali ffinanzjati taħt il-Programm Ewropa Diġitali ġestit ċentralment stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]) li l-għan tagħhom huwa li jistimulaw l-adozzjoni wiesgħa ta' teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, il-cloud, il-computing ta' livell għoli u l-computing ta' prestazzjoni għolja u ċ-ċibersigurtà mill-industrija (b'mod partikolari

[6] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

[7] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

mill-SMEs) u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku jistgħu jikkwalifikaw bħala raggruppament ta' innovazzjoni waħedhom skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

(4) L-għajnuna għal attivitajiet tal-innovazzjoni hija prinċipalment immirata lejn il-fallimenti tas-suq relatati mal-esternalitajiet pożittivi (effetti konsegwenzjali tal-għarfien), diffikultajiet fil-koordinazzjoni u, sa ċertu punt inqas, l-informazzjoni asimmetrika. Fir-rigward tal-SMEs din l-għajnuna għall-innovazzjoni tista' tingħata biex jinkisbu, jiġu vvalidati u difiżi privattivi u assi intanġibbli oħra, għall-issekondar ta' persunal bi kwalifiki għolja, u għall-akkwist ta' servizzi ta' konsulenza u appoġġ għall-innovazzjoni, pereżempju dawk provduti minn organizazzjonijiet ta' riċerka u tixrid tal-għarfien, infrastrutturi ta' riċerka, infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni jew ragruppamenti tal-innovazzjoni.

(5) Fid-dawl tal-adozzjoni ta' Linji Gwida riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament ta' riskju għall-perjodu mill-2022, id-definizzjonijiet u l-Artikoli relatati mal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs fir-Regolament (UE) Nru 651/2014/UE jenħtieġ li jiġu allinjati mal-Linji Gwida riveduti biex tiġi żgurata l-konsistenza. L-għajnuna għall-aċċess għall-finanzi għall-SMEs tindirizza falliment tas-suq li jipprevjeni lill-SMEs milli jattiraw il-finanzjament li jeħtieġu biex jiżviluppaw għall-potenzjal sħiħ tagħhom: l-SMEs, speċjalment meta jkunu żgħar, spiss ma jkunux jistgħu juru l-affidabbiltà kreditizja tagħhom lill-investituri. L-evalwazzjoni[9] tar-regoli rilevanti mwettqa fl-2019 u fl-2020, ikkonfermat li dan in-nuqqas tas-suq jippersisti, sitwazzjoni li x'aktarx tmur għall-agħar minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Biex jiġi ffaċilitat aktar l-użu ta' tali għajnuna u biex tiġi pprovduta aktar ċarezza, ġiet riveduta l-istruttura tad-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament ta' riskju.

(6) Fid-dawl tal-adozzjoni ta' Linji Gwida riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-ħarsien tal-ambjent u l-enerġija għall-perjodu mill-2022, definizzjonijiet u Artikoli fir-Regolament (UE) Nru 651/2014 relatati mal-għajnuna fl-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-protezzjoni tal-klima, u l-enerġija jenħtieġ li jiġu allinjati biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn is-settijiet differenti ta' regoli li jimmiraw lejn l-istess objettivi. Il-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 7 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 jenħtieġ li jiġi aġġustat biex jitqiesu l-bidliet fis-suq u fil-Patt Ekoloġiku u l-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, inklużi d-dispożizzjonijiet introdotti biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 fl-2021[10].

(7) L-għajnuna għall-investiment li għandha l-għan li tappoġġa l-akkwist jew il-lokazzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew ta' vetturi nodfa jew il-modifika retroattiva ta' vetturi, li tippermettilhom jikkwalifikaw bħala vetturi b'emissjonijiet żero jew vetturi nodfa, tikkontribwixxi għall-bidla lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero u biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku, prinċipalment it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jappoġġaw il-mobbiltà nadifa, huwa xieraq li jiġu introdotti kundizzjonijiet speċifiċi ta' kompatibbiltà biex jiġi żgurat li l-għajnuna tkun proporzjonata u ma tfixkilx il-kompetizzjoni bla bżonn

---

9 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Idoneità tal-pakkett ta' modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tal-2012, il-linji gwida ferrovjarji u l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq terminu qasir (SWD/2020/0257 final).

10 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 270, 29.7.2021, p. 39).

billi d-domanda tiġi ttrasferita lil hinn minn alternattivi aktar nodfa. [Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-irriċarġjar elettriku u tar-riforniment tal-idroġenu jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri wkoll l-infrastruttura tar-riforniment tal-fjuwil li tipprovdi idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.] Barra minn hekk, jenħtieġ li l-għajnuna għall-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil tkun disponibbli wkoll għall-infrastruttura li ma hijiex aċċessibbli għall-pubbliku.

(8) Huwa xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 jitwessa' billi jiġu introdotti kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna għall-idroġenu f'konformità mal-objettivi tal-istrateġija għall-Idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima[11] u għall-ħżin. Dawk il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiżdiedu mad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-għajnuna għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. L-għajnuna għall-promozzjoni tal-idroġenu jenħtieġ li titqies kompatibbli mas-suq intern u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, biss sa fejn jiġi prodott l-idroġenu esklużivament rinnovabbli. L-għajnuna għall-proġetti ta' ħżin jenħtieġ li tiġi eżentata mir-rekwiżit ta' notifika biss sal-punt li l-faċilitajiet ta' ħżin u ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli jkunu konnessi.

(9) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 dwar l-għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jenħtieġ li jiġu estiżi għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, f'konformità mad-Direttiva (UE) Nru 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

(10) Huwa xieraq li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 billi jiġu introdotti kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna għall-investiment għar-riabilitazzjoni tal-ħabitats u l-ekosistemi naturali, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030[13], il-Liġi Ewropea dwar il-Klima[14] u l-istrateġija tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima[15]. Dawk il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiżdiedu mad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-għajnuna għar-rimedju ta' siti kkontaminati. Għalhekk, l-għajnuna għall-investiment f'dawk l-oqsma jenħtieġ li titqies kompatibbli mas-suq intern u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, taħt ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konformità mal-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas", li jgħid li l-ispejjeż tal-miżuri biex jiġi indirizzat it-tniġġis jenħtieġ li jitħallsu minn min iniġġes li jikkawża t-tniġġis.

---

11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima", COM(2020) 301 final.

12 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

13 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna", COM/2020/380 final.

14 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999, ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

15 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM/2021/82 final.

(11) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 dwar l-għajnuna għall-investiment għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart jenħtieġ li jiġu adattati u estiżi biex jindirizzaw l-iżviluppi fis-suq u, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari[16], biex jirriflettu l-bidla lejn miżuri mmirati lejn il-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

(12) Huwa meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 jitwessa' billi jiġu introdotti kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa ambjentali jew fl-imposti. Taxxi ambjentali jew imposti parafiskali huma imposti sabiex iżidu l-ispejjeż ta' mġiba li tagħmel ħsara lill-ambjent, u b'hekk jiskoraġġixxu mġiba bħal din u jżidu l-livell ta' ħarsien ambjentali. Filwaqt li t-tnaqqis fit-taxxi ambjentali jew fl-imposti parafiskali jista' jaffettwa ħażin dak l-objettiv, madankollu approċċ bħal dan jista' jkun meħtieġ meta l-benefiċjarji altrimenti jitpoġġew f'tali żvantaġġ kompetittiv li ma jkunx fattibbli li tiġi introdotta taxxa ambjentali jew imposta parafiskali fil-bidu nett.

(13) Fir-rigward tal-għajnuna għall-investiment għal sistemi ta' tisħin distrettwali, il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 dwar l-appoġġ għal investimenti f'sistemi ta' tisħin distrettwali li huma bbażati fuq fjuwils fossili, b'mod partikolari fuq il-gass naturali, kif ukoll investimenti fi jew titjib fin-networks ta' distribuzzjoni, jenħtieġ li jiġu aġġustati biex jitqiesu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u b'mod partikolari l-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli (SEIP)[17].

(14) Fir-rigward tal-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 jenħtieġ li jiġi estiż biex jimblokka l-appoġġ eżentat għall-investimenti li ma jinsabux f'"żoni megħjuna". Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 dwar l-appoġġ għall-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija, għall-gass naturali, jeħtieġ li jiġu aġġustati biex jitqiesu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u biex tiġi żgurata l-konformità meħtieġa mal-miri klimatiċi tal-2030 u l-2050.

(15) Minħabba l-ispeċifiċitajiet għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur tad-difiża u r-regoli taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża, fejn jiġu stabbiliti rati massimi ta' finanzjament sabiex ma jiġix limitat il-finanzjament pubbliku ġenerali iżda sabiex jiġi attirat kofinanzjament mill-Istati Membri, l-Artikolu 8 jenħtieġ li jiġi emendat biex jippermetti kombinazzjonijiet ta' finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment u għajnuna mill-Istat sal-massimu tal-ispejjeż totali tal-proġett.

(16) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (18), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

---

[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, COM/2020/98 final.

[17] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni- Il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli - Il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2020/21 final.

"(a) Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li tissodisfa l-kundizzjoni fl-Artikolu 21, il-paragrafu 3, il-punt (b), u tikkwalifika għal investimenti ta' finanzjamenti ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Dan hu l-każ meta t-tnaqqis ta' telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi kollha l-oħra ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jkun iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija b'responsabbiltà limitata" tirreferi, b'mod partikolari, għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u "kapital azzjonarju" jinkludi, fejn rilevanti, kull primjum ta' ishma.

(b) Fil-każ ta' kumpanija fejn mill-anqas xi membri tagħha għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li tissodisfa l-kundizzjoni fl-Artikolu 21, il-paragrafu 3, il-punt (b), u tikkwalifika għal investimenti ta' finanzjamenti ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija fejn mill-anqas xi membri tagħha għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija" tirreferi, b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.

---

* Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).".

(b) il-punt (20) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(20) "ammont aġġustat tal-għajnuna" tfisser l-ammont massimu permissibbli tal-għajnuna għal proġett kbir ta' investiment, ikkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

ammont aġġustat tal-għajnuna = R × (A + 0,50 × B + 0 × C)

fejn: R hija l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli fiż-żona kkonċernata, minbarra l-intensità akbar tal-għajnuna għall-SMEs; A hija l-parti tal-ispejjeż eliġibbli ugwali għal EUR 50 miljun; B hija l-parti tal-ispejjeż eliġibbli bejn EUR 50 miljun u EUR 100 miljun, u C hija l-parti tal-ispejjeż eliġibbli ta' aktar minn EUR 100 miljun;";

(c) il-punt (27) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(27) "żoni megħjuna" tfisser żoni speċifikati f'mappa tal-għajnuna reġjonali li tkun ġiet approvata b'applikazzjoni tal-Artikolu 107(3), il-punti (a) u (c) tat-Trattat u li tkun fis-seħħ fiż-żmien tal-għoti tal-għajnuna;";

(d) il-punt (32) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(32) "żieda netta fin-numru ta' impjegati" tfisser żieda netta fl-għadd ta' impjegati fl-istabbiliment ikkonċernat meta mqabbla mal-medja matul perjodu partikolari fiż-żmien, wara li jitnaqqas mill-għadd ta' impjiegi maħluqa kwalunkwe telf ta' impjiegi matul dak il-perjodu. L-għadd ta' persuni impjegati full-time, part-time u staġjonali għandu jitqies bil-frazzjonijiet annwali tagħhom tal-unità tax-xogħol;";

(e) il-punt (34) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(34) "intermedjarju finanzjarju" tfisser kull istituzzjoni finanzjarja, irrispettivament mill-forma u mis-sjieda tagħha, inkluż fond ta' fondi, fondi ta' investiment privat, fondi ta' investiment pubbliku, banek, istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament u soċjetajiet ta' garanzija;";

(f) jiddaħħal il-punt (39a) li ġej:

"(39a) "distakkament" tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti ma jvarjawx minn dawk li jiġu stipulati bejn intrapriżi indipendenti u ma jkunx fihom element ta' kollużjoni. Kull tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja hija kkunsidrata li tilħaq il-prinċipju ta' distakkament;";

(g) jitħassar il-punt (40);

(h) il-punt (42) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(42) "għajnuna operatorja reġjonali" tfisser għajnuna biex tnaqqas l-infiq attwali ta' impriża, inkluż kategoriji bħal spejjeż tal-persunal, materjali, servizzi kuntrattati, komunikazzjonijiet, enerġija, manutenzjoni, kera u amministrazzjoni, iżda teskludi l-ispejjeż marbuta mad-deprezzament u l-ispejjeż tal-finanzjament relatati ma' investiment li jkun gawda minn għajnuna għall-investiment;";

(i) il-punt (43) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(43) "is-settur tal-azzar" tfisser il-produzzjoni ta' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) ħadid fondut grezz u ligi tal-ħadid:

ħadid fondut grezz għall-għemil tal-azzar, funderija u ħadid fondut grezz ieħor, spiegeleisen u ferromanganiż b'karbonju għoli, li ma jinkludix ligi tal-ħadid oħrajn;

(b) prodotti tal-ħadid mhux maħduma u nofshom irfinuti, azzar ordinarju jew azzar speċjali:

azzar likwidu fondut jew mhux fondut f'ingotti, inkluż ingotti għall-manifattura bil-forġa ta' prodotti nofshom lesti: ingotti, billets u blokok; vireg mill-folji u vireg mill-pjanċi stanjati; kojls kbar illaminati bis-sħana, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni tal-azzar likwidu għall-ikkastjar minn fonderiji żgħar u medji;

(c) prodotti tal-ħadid magħmulin bis-sħana, azzar ordinarju jew azzar speċjali:

linji ferrovjarji, traversi, puntali, sottopuntali, travi, sezzjonijiet tqal tal-metall ta' 80 mm jew aktar, gzuz tal-folji, vireg u sezzjonijiet ta' anqas minn 80 mm u pjanċi ta' anqas minn 150 mm, vireg tal-wajer, forom tondi u kwadri għat-tubi, aljetti u strixxi tal-ħadid illaminati bis-sħana (inkluż l-istrixxi għat-tubi), folji llaminati bis-sħana (miksija u mhux miksija), pjanċi u folji ta' ħxuna ta' 3 mm u aktar, pjanċi universali ta' 150 mm u aktar, bl-eċċezzjoni tal-wajers u l-prodotti tal-wajers, vireg ileqqu u kkastjar tal-ħadid;

(d) prodotti ffurmati bil-kesħa:

pjanċi stanjati, pjanċi biċ-ċomb, pjanċi suwed, folji galvanizzati, folji oħrajn miksijin, folji rrumblati fil-ksieħ, folji elettriċi u strippi maħsuba għall-pjanċi stanjati, pjanċi rrumblati fil-ksieħ, f'koljaturi jew fi strippi;

(e) tubi:

it-tubi tal-azzar kollha mingħajr weldjatura, it-tubi tal-azzar iwweldjati b'dijametru ta' aktar minn 406,4 mm;";

(j) jiddaħħal il-punt (43a) li ġej:

“(43a) “linjite” tfisser C ta’ grad baxx jew orto-linjite u B ta’ grad baxx jew meta-linjite kif definit mis-sistema ta’ kodifikazzjoni internazzjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti;”;

(k) jitħassar il-punt (44);

(l) il-punt (45) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(45) “is-settur tat-trasport” tfisser it-trasport ta’ passiġġieri permezz ta’ inġenji tal-ajru, bit-trasport marittimu, bit-triq jew ferrovjarju u permezz ta’ passaġġi tal-ilma interni jew servizzi ta’ trasport ta’ merkanzija b’kiri jew b’kumpens; b’mod aktar speċifiku, “is-settur tat-trasport” tfisser l-attivitajiet li ġejjin f’termini tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE Rev. 2), stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*:

(a) NACE 49: It-trasport fuq l-art u t-trasport permezz ta’ pipelines, minbarra NACE 49.32 Operazzjoni ta’ taxi, 49.39 Operazzjoni ta’ telefériċi, funikulari, liftijiet tal-iskijjar u tal-kejbils jekk ma jkunux parti minn sistemi ta’ tranżitu urbani jew suburbani, 49.42 Servizzi ta’ tneħħija, 49.5 Trasport permezz ta’ pipeline;

(b) NACE 50: Trasport bl-ilma;

(c) NACE 51: Trasport bl-ajru, minbarra NACE 51.22 Trasport fl-ispazju;

---

* Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta’ l-istatistika ta’ attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).”;

(m) jiddaħħal il-punt (47a) li ġej:

“(47a) “tlestija tal-investiment” tfisser il-mument meta l-investiment jitqies mill-awtoritajiet nazzjonali bħala lest jew tliet snin wara l-bidu tax-xogħlijiet, skont liema jiġi l-ewwel;”;

(n) il-punti (49) sa (51) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(49) “investiment inizjali” tfisser:

(a) investiment f’assi tanġibbli u intanġibbli relatat ma’ punt wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

– it-twaqqif ta’ stabbiliment ġdid;

– l-estensjoni tal-kapaċità ta’ stabbiliment eżistenti;

– id-diversifikazzjoni tal-output ta’ stabbiliment fi prodotti jew servizzi li qabel ma kinux jiġu prodotti fl-istabbiliment; jew

– bidla fundamentali fil-proċess ta’ produzzjoni ġenerali tal-prodott(i) jew fil-forniment ġenerali tas-servizz(i) ikkonċernat(i) mill-investiment fl-istabbiliment;

jew

(b) akkwiżizzjoni ta’ assi li jappartjenu għal stabbiliment li jkun għalaq jew li kieku kien jagħlaq kieku ma nxtarax. L-akkwiżizzjoni unika tal-ishma ta’ impriża ma tikkwalifikax bħala investiment inizjali.

Għalhekk, investiment ta’ sostituzzjoni ma jikkostitwixxix investiment inizjali.

(50) "l-istess attività jew attività simili" tfisser attività fl-istess klassi (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tan-NACE Rev. 2 tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE Rev. 2) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006;

(51) "investiment inizjali li joħloq attività ekonomika ġdida" tfisser:

(a) investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli relatat ma' wieħed minn dawn li ġejjin jew it-tnejn:

– it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid;

– id-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività li kienet issir qabel fl-istabbiliment;

(b) l-akkwiżizzjoni ta' assi li jappartjenu għal stabbiliment li għalaq jew li kieku kien jagħlaq kieku ma nxtarax, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida li se ssir bl-użu tal-assi akkwistati ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività mwettqa fl-istabbiliment qabel l-akkwiżizzjoni.

L-akkwiżizzjoni unika tal-ishma ta' impriża ma tikkwalifikax bħala investiment inizjali li joħloq attività ekonomika ġdida;";

(o) il-punti (72) u (73) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(72) "investitur privat indipendenti" tfisser investitur li huwa privat u indipendenti, kif stabbilit f'dan il-punt. Investituri "privati" tipikament se jinkludu banek li jinvestu b'riskju proprju għalihom u minn riżorsi proprji, dotazzjonijiet privati u fondazzjonijiet, uffiċċji tal-familja u investituri informali, investituri korporattivi, kumpaniji tal-assigurazzjoni, fondi tal-pensjoni, individwi privati, u istituzzjonijiet akkademiċi. Il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li fiha Stat Membru huwa azzjonist, jew istituzzjoni finanzjarja stabbilita fi Stat Membru li għandha l-għan li tilħaq l-interess pubbliku taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika, kif ukoll korp tal-liġi pubblika jew privata b'missjoni ta' servizz pubbliku ma humiex se jitqiesu bħala investituri privati għall-finijiet ta' din id-definizzjoni. "Indipendenti" tfisser li investitur privat ma jkunx azzjonist tal-impriża eliġibbli li jinvesti fiha. Mal-ħolqien ta' kumpanija ġdida, l-investituri privati, inkluż il-fundaturi, jitqiesu bħala indipendenti minn dik il-kumpanija;

(73) "persuna fiżika" għall-fini tal-Artikoli 21a u 23 tfisser persuna għajr entità ġuridika u li ma hijiex impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat;";

(p) il-punt (79) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(79) "entità fdata" tfisser il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li fiha Stat Membru huwa azzjonist, jew istituzzjoni finanzjarja stabbilita fi Stat Membru li għandha l-għan li tilħaq l-interess pubbliku taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika, korp tal-liġi pubblika, jew korp tal-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku. L-entità fdata tista' tintgħażel jew tiġi maħtura direttament f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jew f'konformità mal-Artikolu 38(4), il-punt (b)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** jew l-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, skont liema huwa applikabbli;

---

* Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

** Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*** Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).";

(q) il-punt (80) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(80) "intrapriża innovattiva" tfisser intrapriża li tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) permezz ta' evalwazzjoni mwettqa minn espert estern tista' turi li fil-futur qrib se tiżviluppa prodotti, servizzi jew proċessi li huma ġodda jew imtejba b'mod sostanzjali meta mqabbla mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija tagħha, u li jġorru riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali;

(b) l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp tagħha jirrappreżentaw mill-anqas 10 % tal-ispejjeż operazzjonali totali tagħha f'mill-anqas waħda mit-tliet snin ta' qabel l-għoti tal-għajnuna jew, fil-każ ta' intrapriża tal-bidu mingħajr ebda rekords finanzjarji tal-imgħoddi, fl-awditjar tal-perjodu fiskali kurrenti tagħha, kif iċċertifikat minn awditur estern;

(c) dan l-aħħar ingħatat tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni f'konformità mal-programm ta' ħidma Orizzont 2020 2018-2020 adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017)7124* jew mal-Artikoli 2(23) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** jew dan l-aħħar irċeviet investiment mill-Fond Ewropew tal-Kunsill tal-Innovazzjoni, bħal investiment fil-kuntest tal-Programm Aċċeleratur kif imsemmi fl-Artikolu 48(7) tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

* Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017)7124 tas-27 ta' Ottubru 2017 dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2018-2020 fil-qafas tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u dwar il-finanzjament tal-programm ta' ħidma għall-2018.

** Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).";

(r) il-punt (81) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(81) "pjattaforma alternattiva għan-negozjar" tfisser faċilità multilaterali għan-negozjar kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (22) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* fejn mill-inqas 50 % tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jinħarġu mill-SMEs;

---

* Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).";

(s) il-punti (85) u (86) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(85) "riċerka industrijali" tfisser ir-riċerka ppjanata jew l-investigazzjoni kritika mmirata lejn l-akkwist ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew immirati lejn titjib sinifikanti fil-prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti, inklużi prodotti, proċessi jew servizzi diġitali, fi kwalunkwe qasam, teknoloġija, industrija jew settur (inklużi, iżda mhux limitati għal, l-industriji u t-teknoloġiji diġitali, bħas-supercomputing, it-teknoloġiji kwantistiċi, it-teknoloġiji ta' katina ta' blokok, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji tal-big data u tal-cloud).

Ir-riċerka industrijali tinkludi l-ħolqien ta' partijiet ta' komponenti ta' sistemi kumplessi, u tista' tinkludi l-kostruzzjoni ta' prototipi f'ambjent ta' laboratorju jew f'ambjent b'interfaċċji simulati ma' sistemi eżistenti kif ukoll ta' linji pilota, meta jkun meħtieġ għar-riċerka industrijali u notevolment għall-validazzjoni ta' teknoloġija ġenerika;

(86) "żvilupp sperimentali" tfisser l-akkwist, il-kombinazzjoni, it-tiswir u l-użu ta' għarfien u ħiliet xjentifiċi, teknoloġiċi, kummerċjali u oħrajn rilevanti eżistenti bil-għan li jiġu żviluppati prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew imtejba, inklużi prodotti, proċessi jew servizzi diġitali, fi kwalunkwe qasam, teknoloġija, industrija jew settur (inklużi, iżda mhux limitati għal, l-industriji u t-teknoloġiji diġitali, bħas-supercomputing, it-teknoloġiji kwantistiċi, it-teknoloġiji ta' katina ta' blokok, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji tal-big data u tal-cloud jew teknoloġiji avvanzati). Dan jista' jinkludi wkoll, pereżempju, attivitajiet immirati lejn id-definizzjoni kunċettwali, l-ippjanar u d-dokumentazzjoni ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda.

L-iżvilupp sperimentali jista' jinkludi prototipi, dimostrazzjoni, pilotaġġ, ittestjar u validazzjoni ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew imtejba f'ambjenti rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet operazzjonali reali fejn l-għan ewlieni jkun li jsir aktar titjib tekniku fil-prodotti, il-proċessi jew s-servizzi li għadhom ma humiex sostanzjalment stabbiliti. Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' prototip jew pilota li jkun kummerċjalment utilizzabbli u li huwa neċessarjament il-prodott kummerċjali finali u li huwa għali wisq biex jiġi prodott biex jintuża biss għal finijiet ta' dimostrazzjoni u validazzjoni.

L-iżvilupp sperimentali ma jinkludix tibdiliet ta' rutina jew perjodiċi magħmula lil prodotti, linji ta' produzzjoni, proċessi ta' manifattura, servizzi u operazzjonijiet eżistenti oħra fis-seħħ, anki jekk dawn it-tibdiliet jistgħu jirrappreżentaw titjib;";

(t) jitħassar il-punt (89);

(u) il-punt (92) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(92) "raggruppamenti tal-innovazzjoni" tfisser strutturi jew gruppi organizzati ta' partijiet indipendenti, (bħal negozji ġodda innovattivi, intrapriżi żgħar, medji u kbar, kif ukoll organizzazzjonijiet ta' riċerka u tixrid tal-għarfien, infrastrutturi ta' riċerka, infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni, Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, organizzazzjonijiet bla skop ta' profitt u atturi ekonomiċi relatati oħra) maħsuba biex jistimolaw l-attività innovattiva u modi ġodda ta' kollaborazzjoni, bħal permezz ta' mezzi diġitali, billi jippromwovu u jaqsmu l-faċilitajiet u l-iskambju tal-għarfien u tal-kompetenza esperta u billi jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-trasferiment tal-għarfien, in-networking, it-tixrid tal-informazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi u organizzazzjonijiet oħra fir-raggruppament;";

(v) il-punti (94) sa (97) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(94) "servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni" tfisser konsulenza, assistenza u taħriġ fl-oqsma tat-trasferiment tal-għarfien, l-akkwist, il-protezzjoni u l-isfruttament ta' assi intanġibbli jew l-użu ta' standards u regoli li jinkorporawhom, kif ukoll konsulenza, assistenza jew taħriġ dwar l-introduzzjoni jew l-użu ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi (inklużi teknoloġiiji u soluzzjonijiet diġitali);

(95) "servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni" tfisser il-forniment ta' spazju għall-uffiċċji, banek tad-*data*, libreriji, riċerka tas-suq, laboratorji, tikkettar tal-kwalità, ittestjar u ċertifikazzjoni jew servizzi relatati oħra, inklużi dawk is-servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet ta' riċerka u tixrid tal-għarfien, infrastrutturi ta' riċerka, infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni jew raggruppamenti tal-innovazzjoni, sabiex jiġu żviluppati prodotti, proċessi jew servizzi aktar effettivi jew teknoloġikament aktar avvanzati, inkluż l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi (inklużi teknoloġiiji u soluzzjonijiet diġitali);

(96) "innovazzjoni organizzattiva" tfisser l-implimentazzjoni ta' metodu organizzazzjonali ġdid fil-prattiki tan-negozju ta' impriża, fl-organizzazzjoni tal-post tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet esterni, pereżempju billi jsir użu minn teknoloġiji diġitali ġodda jew innovattivi. Esklużi minn din id-definizzjoni huma bidliet li huma bbażati fuq metodi organizzazzjonali diġà użati fl-impriża, bidliet fl-istrateġija għall-ġestjoni, l-amalgamazzjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, waqfien mill-użu ta' proċess, sostituzzjoni jew estensjoni sempliċi tal-kapital, bidliet li jirriżultaw purament minn bidliet fil-prezzijiet tal-fatturi, personalizzazzjoni, lokalizzazzjoni, bidliet regolari, staġonali u oħrajn ċikliċi u negozjar ta' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti;

(97) "innovazzjoni tal-proċess" tfisser l-implimentazzjoni ta' metodu ġdid jew imtejjeb b'mod sinifikanti tal-produzzjoni jew tal-konsenja, inklużi bidliet sinifikanti fit-tekniki, fit-tagħmir jew fis-software, pereżempju billi jsir użu minn teknoloġiji diġitali ġodda jew innovattivi. Esklużi minn din id-definizzjoni huma bidliet jew titjib minuri, żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni jew tas-servizz permezz taż-żieda tas-sistemi ta' manifattura jew loġistiċi li huma simili ħafna għal dawk li diġà qed jintużaw, it-twaqqif tal-użu ta' proċess, bdil jew estensjoni kapitali sempliċi, bidliet li jirriżultaw purament minn bidliet fil-prezzijiet tal-fatturi, personalizzazzjoni, lokalizzazzjoni, bidliet regolari, staġonali u oħrajn ċikliċi u negozjar ta' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti;";

(w) jiddaħħal il-punt (98a) li ġej:

"(98a) "infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni" tfisser faċilitajiet, tagħmir, kapaċitajiet u servizzi ta' appoġġ relatati meħtieġa għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-espansjoni ta' teknoloġija biex isir avvanz permezz ta' attivitajiet ta' riċerka industrijali u ta' żvilupp sperimentali mill-validazzjoni f'laboratorju għal validazzjoni rappreżentattiva tal-ambjent operazzjonali, u li l-utenti tagħhom huma prinċipalment atturi industrijali, inklużi l-SMEs, li jfittxu appoġġ biex jiżviluppaw u jintegraw teknoloġiji innovattivi biex jiżviluppaw prodotti, proċessi u servizzi ġodda, filwaqt li jiżguraw il-fattibbiltà u l-konformità regolatorja*. L-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni kultant huma magħrufa wkoll bħala infrastrutturi tat-teknoloġija;

---

* Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, "Infrastrutturi tat-Teknoloġija", SWD(2019) 158 final, 8.4.2019.";

(x) il-punt (101) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(101) "protezzjoni ambjentali" tfisser kwalunkwe azzjoni mfassla biex tirrimedja jew tipprevjeni ħsara lill-ambjenti fiżiċi jew lir-riżorsi naturali mill-attivitajiet tal-bniedem, inkluż biex tadatta u ttaffi t-tibdil fil-klima, biex tnaqqas ir-riskju ta' tali ħsara jew biex twassal għal użu aktar effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi miżuri ta' ffrankar tal-enerġija u l-użu ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija u tekniki oħra biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra;";

(y) il-punti (102a), (102b) u (102c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(102a) "infrastruttura tal-irriċarġjar" tfisser installazzjoni fissa jew mobbli li tipprovdi vetturi bl-elettriku għal skopijiet ta' trasport;

(102b) "infrastruttura tar-rifورniment tal-fjuwil" tfisser installazzjoni fissa jew mobbli li tipprovdi vetturi bl-idroġenu għal skopijiet ta' trasport;

(102c) "idroġenu rinnovabbli" tfisser idroġenu prodott bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli biss, f'konformità ma' [Referenza għal att delegat mid-DĠ ENER skont l-Artikolu 28 tar-RED II];";

(z) jiddaħħlu l-punti 102(d) sa 102(h) li ġejjin:

"(102d) "elettriku rinnovabbli" tfisser elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tad-Direttiva 2018/2001/UE*;

---

* Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).";

(102e) "idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" tfisser idroġenu b'bażi fossili bil-ġbir u l-ħżin tal-karbonju jew idroġenu b'bażi tal-elettriku, fejn dak l-idroġenu jikseb iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' mill-inqas [73,4 %] [li jirriżulta f'emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja taħt 3 tCO_2eq/tH_2] meta mqabbel ma' komparatur ta' fjuwils fossili ta' [94g CO_2e/MJ (2,256 tCO_2eq/tH_2)]. Il-kontenut tal-karbonju tal-idroġenu bbażat fuq l-elettriku għandu jiġi ddeterminat mill-unità marġinali ta' ġenerazzjoni fiż-żona tal-offerti fejn l-elettrolizzatur ikun jinsab fil-perjodi ta' saldu tal-iżbilanċ meta l-elettrolizzatur jikkonsma l-elettriku mill-grilja;

(102f) "vettura nadifa" tfisser:

(a) vettura nadifa kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (4)(a) tad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2025, vettura tqila b'emissjonijiet baxxi kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (12) tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(c) sal-31 ta' Diċembru 2025, vettura nadifa kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (4)(b) tad-Direttiva 2009/33/KE u li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242;

(d) sal-31 ta' Diċembru 2025, bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni għat-trasport tal-passiġġieri li għandu magna tal-fjuwil ibrida jew li tuża żewġ tipi ta' fjuwil li jieħu mill-inqas 50 % tal-enerġija tiegħu minn fjuwils b'żero emissjonijiet tas-CO_2 diretti (mit-tailpipe) jew potenza minn plug-in għat-tħaddim normali tiegħu;

(e) sal-31 ta' Diċembru 2025, bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni għat-trasport tal-merkanzija b'emissjonijiet diretti (mit-tailpipe) ta' CO_2 għal kull tunnellata kilometru (g CO_2/tkm), ikkalkolati (jew stmati fil-każ ta' bastimenti ġodda) bl-użu tal-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika tad-Disinn (EEOI) tal-Organizzazzjoni Marittima

Internazzjonali, 50 % anqas mill-valur medju ta’ referenza għall-emissjonijiet tas-CO_2 iddeterminat għall-vetturi tqal (sottogrupp tal-vetturi 5- LH) f’konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/1242;

(f) bastiment tal-baħar u kostali għall-operazzjonijiet tal-port jew għal attivitajiet awżiljarji li għandu emissjonijiet tas-CO_2 diretti żero (mit-tailpipe);

(g) sal-31 ta’ Diċembru 2025, bastiment tal-baħar u kostali għat-trasport tal-passiġġieri, tal-merkanzija, għall-operazzjonijiet tal-port jew għal attivitajiet awżiljarji li għandhom magna tal-fjuwil ibrida jew li tuża żewġ tipi ta' fjuwil li jieħu mill-inqas 25 % tal-enerġija tiegħu minn fjuwils b'żero emissjonijiet tas-CO_2 diretti (mit-tailpipe) jew potenza minn plug-in għat-tħaddim normali tiegħu fuq il-baħar jew fil-portijiet, jew li jkun kiseb valur tal-EEOI ta’ 10 % taħt ir-rekwiżiti tal-EEOI applikabbli fl-1 ta’ April 2022 u l-bastiment ikun jista’ jaħdem bi fjuwils tal-emissjonijiet tas-CO_2 diretti żero (mit-tailpipe) jew fuq fjuwils minn sorsi rinnovabbli;

(h) bastiment tal-baħar u kostali għat-trasport tal-merkanzija li jintuża esklussivament għall-operat ta’ servizzi kostali u tal-baħar qosra mfassla biex jippermettu bidla modali tal-merkanzija attwalment trasportata bl-art għall-baħar u li għandha emissjonijiet diretti tas-CO2 (mit-tailpipe), ikkalkolati bl-użu tal-EEOI, ta’ 50 % anqas mill-valur medju ta’ referenza tal-emissjonijiet tas-CO_2 iddeterminat għal vetturi tqal (sottogrupp tal-vetturi 5-LH) f’konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/1242;

(i) vetturi ferrovjarji li għandhom emissjonijiet tas-CO_2 diretti żero mit-tailpipe meta jitħaddmu fuq binarju bl-infrastruttura meħtieġa u li jużaw magna konvenzjonali meta infrastruttura bħal din ma tkunx disponibbli (elettrodiżil);

(102g) “vettura b’emissjonijiet żero” tfisser:

(a) vettura li taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** b’emissjonijiet mit-tailpipe ta’ CO_2 ugwali għal 0g CO_2e/km, ikkalkolati f’konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 u fl-Anness V ta’ dak ir-Regolament;

(b) vettura tal-kategorija M1, M2 jew N1 b’emissjonijiet żero tas-CO_2 mit-tailpipe, kif iddeterminat f’konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151****;

(c) vettura tqila b’emissjonijiet żero kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (5) tad-Direttiva 2009/33/KE;

(d) bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew tal-baħar u kostali għat-trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija b’emissjonijiet tas-CO_2 diretti żero (mit-tailpipe/egżost);

(e) vetturi ferrovjarji b’emissjonijiet tas-CO_2 diretti żero (mit-tailpipe);

(102h) “vettura” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) vettura tat-triq tal-kategorija M1, M2, N1, M3, N2, N3 jew L;

(b) bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew tal-baħar u kostali għat-trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija;

(c) vetturi ferrovjarji;

* Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

** Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

**** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).";

(aa) il-punt (103) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(103) "effiċjenza tal-enerġija" tfisser effiċjenza fl-enerġija kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (4) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

---

* Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).";

(ab) jiddaħħal il-punt (103f) li ġej:

"(103f) "iffrankar tal-enerġija" tfisser iffrankar tal-enerija kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5) tad-Direttiva 2012/27/UE";

(ac) il-punt (105) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(105) "fond għall-effiċjenza enerġetika" jew "EEF" tfisser veikolu ta' investiment speċjali stabbilit għall-fini ta' investiment fi proġetti tal-effiċjenza enerġetika mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini. L-EEFs huma ġestiti minn maniġer tal-fond għall-effiċjenza enerġetika;";

(ad) il-punt (108) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(108) "koġenerazzjoni" jew sħana u enerġija kkombinati jew "CHP" tfisser koġenerazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (30) tad-Direttiva 2012/27/UE;";

(ae) jiddaħħal il-punt (108b) li ġej:

"(108b) "koġenerazzjoni ekoloġika" tfisser koġenerazzjoni li tuża 100 % ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħala input għall-produzzjoni tas-sħana u tal-enerġija;";

(af) il-punt (109) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(109) "enerġija minn sorsi rinnovabbli" jew "enerġija rinnovabbli" tfisser enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli mhux fossili kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tad-Direttiva 2018/2001/UE, kif ukoll is-sehem f'termini ta' valur kalorifiku tal-enerġija prodotta minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'impjanti ibridi li jużaw ukoll sorsi ta' enerġija konvenzjonali u tinkludi l-elettriku rinnovabbli użat għall-mili ta' sistemi ta' ħżin konnessi wara l-meter (installati b'mod konġunt jew bħala suppliment għall-installazzjoni rinnovabbli), iżda teskludi l-elettriku prodott b'riżultat ta' sistemi ta' ħżin;";

(ag) jiddaħħal il-punt (109a) li ġej:

"(109a) "komunità tal-enerġija rinnovabbli" tfisser komunità tal-enerġija rinnovabbli kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (16) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;";

(ah) il-punt (110) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(110) “sorsi tal-enerġija rinnovabbli” tfisser is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;”;

(ai) il-punti (111), (112) u (113) jitħassru;

(aj) il-punti (114) u (115) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(114) “teknoloġija ġdida u innovattiva” tfisser teknoloġija ġdida u kkwalifikata reċentement meta mqabbla mal-aktar stat avvanzat fl-industrija, li ġġorr riskju ta’ falliment teknoloġiku jew industrijali u mhix ottimizzazzjoni jew żieda ta’ teknoloġija eżistenti;

(115) “bilanċjar” tfisser bilanċjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10) tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

---

* Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).”;

(ak) jiddaħħal il-punt (116a) li ġej:

“(116a) “parti inkarigata mill-ibbilanċjar (BRP)” tfisser parti inkarigata mill-ibbilanċjar kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (14) tar-Regolament (UE) 2019/943;”;

(al) il-punt (117) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(117) “bijomassa” tfisser bijomassa kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (24) tad-Direttiva (UE) 2018/2001”;

(am) jiddaħħlu l-punti (117a) sa (117e) li ġejjin:

“(117a) “bijofjuwils avvanzati” tfisser bijokarburanti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (34) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(117b) “bijofjuwils” tfisser bijokarburanti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (33) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(117c) “bijogass” tfisser bijogass kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (28) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(117d) “bijolikwidi” tfisser bijolikwidi kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (32) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(117e) “fjuwils tal-bijomassa” tfisser karburanti mill-bijomassa kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (27) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;”;

(an) il-punt (119) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(119) “taxxa ambjentali” tfisser taxxa li għandha bażi taxxabbli speċifika li għandha effett negattiv ċar fuq l-ambjent jew li tfittex li tintaxxa ċerti attivitajiet, prodotti jew servizzi biex l-ispejjeż ambjentali jkunu jistgħu jiġu inklużi fil-prezz tagħhom jew biex il-produtturi u l-konsumaturi jkunu orjentati lejn attivitajiet li jirrispettaw l-ambjent aħjar;”;

(ao) il-punt (121) huwa mħassar:

(ap) jiddaħħlu l-punti (121a) sa (121d) li ġejjin:

“(121a) “rimedjazzjoni” tfisser azzjonijiet, bħat-tneħħija jew id-ditossifikazzjoni ta’ kontaminati jew nutrijenti żejda mill-ħamrija u mill-ilma, li għandhom l-għan li jneħħu s-sorsi ta’ degradazzjoni;

(121b) “riabilitazzjoni” tfisser azzjonijiet li għandhom l-għan li jerġgħu jdaħħlu livell ta’ funzjonament tal-ekosistema f’siti degradati għall-forniment imġedded u kontinwu ta’ servizzi tal-ekosistema;

(121c) “ekosistema” tfisser ekosistema kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (13) tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(121d) “bijodiversità” tfisser bijodiversità kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (15) tar-Regolament (UE) Nru 2020/852;

---

* Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).”;

(aq) jiddaħħlu l-punti (123a), (123b) u (123c) li ġejjin:

“(123a) “sustanza niġġiesa” tfisser sustanza niġġiesa kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (10) tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(123b) “soluzzjoni bbażata fuq in-natura” tfisser azzjoni biex jiġu protetti, ġestiti b’mod sostenibbli u restawrati ekosistemi naturali jew modifikati li tindirizza l-isfidi tas-soċjetà b’mod effettiv u risponsiv, filwaqt li fl-istess ħin jittejjeb il-benesseri tal-bniedem u jiġu pprovduti benefiċċji għall-bijodiversità;

(123c) “restawr” tfisser il-proċess ta’ assistenza għall-irkupru ta’ ekosistema bħala mezz ta’ konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-reżiljenza tal-ekosistema, inklużi miżuri biex tittejjeb il-kundizzjoni ta’ ekosistema u biex tinħoloq mill-ġdid jew tiġi stabbilita mill-ġdid ekosistema fejn intilfet dik il-kundizzjoni;”;

(ar) il-punt 124 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(124) “tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti fl-użu tal-enerġija” tfisser tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (41) tad-Direttiva 2012/27/UE;”;

(as) jiddaħħlu l-punti (124a) u (124b):

“(124a) “tisħin distrettwali” u/jew “tkessiħ distrettwali” tfisser tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (19) tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(124b) “sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali”, jikkonsistu f’faċilitajiet għall-ġenerazzjoni tas-sħana (impjanti tal-produzzjoni tat-tisħin/tat-tkessiħ), in-network tal-ħżin u tad-distribuzzjoni tat-tisħin/tat-tkessiħ (kemm in-network ta’ pipelines “primarju”- jew tat-trażmissjoni- kif ukoll dak “sekondarju” għall-provvista tas-sħana lill-konsumaturi). Ir-referenza għat-tisħin distrettwali għandha tiġi interpretata bħala sistemi ta’ tisħin u/jew tkessiħ distrettwali (DH/CS), skont jekk in-networks jipprovdux tisħin jew tkessiħ b’mod konġunt jew separatament;

---

* Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).”;

(at) jiddaħħlu l-punti (128a) sa (128h) li ġejjin:

“(128a) “effiċjenza fir-riżorsi” tfisser it-tnaqqis tal-kwantità ta’ inputs meħtieġa għall-produzzjoni ta’ unità ta’ output jew għas-sostituzzjoni ta’ inputs primarji b’inputs sekondarji;

(128b) “skart” tfisser skart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(128c) "trattament" tfisser trattament kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (14) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(128d) "irkupru" tfisser irkupru kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (15) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(128e) "rimi" tfisser rimi kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (19) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(128f) "prodotti, materjali jew sustanzi oħrajn" tfisser prodotti sekondarji msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98/KE, residwi agrikoli u tal-forestrija, ilma mormi, ilma tax-xita u ilma tax-xeba', minerali, nutrijenti, gassijiet residwi mill-proċessi tal-produzzjoni, u prodotti, partijiet u materjali żejda;

(128g) "prodotti, partijiet u materjali żejda" tfisser prodotti, partijiet jew materjali li ma għadhomx meħtieġa jew utli għad-detentur tagħhom iżda li huma xierqa għall-użu mill-ġdid;

(128h) "ġbir separat" tfisser ġbir separat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (11) tad-Direttiva 2008/98/KE;

---

* Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).";

(au) jitħassar il-punt (129);

(av) il-punt (130) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(130) "l-infrastruttura tal-enerġija" tfisser kull tagħmir fiżiku jew faċilità li jinsabu fl-Unjoni jew li jorbtu lill-Unjoni ma' pajjiż terz wieħed jew aktar u li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin:

(a) fir-rigward tal-elettriku:

(i) sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, fejn "trażmissjoni" tfisser it-trasport tal-elettriku fuq is-sistema interkonnessa ta' vultaġġ għoli ħafna u ta' vultaġġ għoli bil-ħsieb li dan jiġi kkonsenjat lill-klijenti finali jew lid-distributuri, iżda ma tinkludix il-provvista u fejn "distribuzzjoni" tfisser it-trasport tal-elettriku fuq sistemi ta' distribuzzjoni b'vultaġġ għoli, b'vultaġġ medju u b'vultaġġ baxx bil-ħsieb li dan jiġi kkonsenjat lill-klijenti, iżda ma tinkludix il-provvista;

(ii) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni essenzjali biex is-sistemi msemmija fil-punt (i) joperaw b'sikurezza, sigurtà u effiċjenza, inklużi s-sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll fil-livelli kollha tal-vultaġġ u fis-substazzjonijiet kollha;

(iii) komponenti tan-network integrati bis-sħiħ, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (51) tad-Direttiva (UE) 2019/944*;

(iv) grilji enerġetiċi intelliġenti, jiġifieri sistemi u komponenti li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ("ICT"), permezz ta' pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll f'dak tad-distribuzzjoni, li jimmiraw għal network tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar li jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ħżin u konsum u faċilitazzjoni ta' mudelli kummerċjali u strutturi tas-suq ġodda;

(v) grilji elettriċi lil hinn mill-kosta, jiġifieri kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni tas-sistemi msemmija fil-punt (i), li jkollhom funzjonalità doppja: l-interkonnessjoni u t-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tal-elettriku rinnovabbli

lil hinn mill-kosta mis-siti ta' ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta lil żewġ pajjiżi jew aktar, kif ukoll kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni maġenbhom lil hinn mill-kosta li huma essenzjali għal operazzjoni sikura, sigura u effiċjenti, inklużi sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll, u substazzjonijiet meħtieġa jekk jiżguraw ukoll l-interoperabbiltà tat-teknoloġija, fost l-oħrajn il-kompatibbiltà tal-interfaċċja bejn teknoloġiji differenti;

(b) fir-rigward tal-gass:

(i) pipelines tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għat-trasport tal-gass naturali, tal-bijogass u tal-fjuwils gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li jiffurmaw parti minn network, apparti l-pipelines bi pressjoni għolja li jintużaw għal distribuzzjoni upstream ta' gass naturali;

(ii) faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art li huma konnessi ma' pipelines tal-gass bi pressjoni għolja msemmija fil-punt (i);

(iii) faċilitajiet ta' riċeviment, ħżin u rigassifikazzjoni jew dekompressjoni għal gass naturali likwifikat ("LNG") jew gass naturali kkompressat ("CNG");

(iv) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni essenzjali biex is-sistema topera b'sikurezza, b'sigurtà u b'effiċjenza jew biex tippermetti kapaċità bidirezzjonali, inklużi l-istazzjonijiet ta' kompressjoni;

(v) grilji tal-gass intelliġenti, li tfisser kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni li ġejjin li jkollhom l-għan li jippermettu u jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju (inklużi l-bijometan jew l-idroġenu) fin-network: sistemi diġitali u komponenti li jintegraw l-ICT, is-sistemi ta' kontroll u t-teknoloġiji tas-sensuri biex jippermettu l-monitoraġġ interattiv u intelliġenti, il-kejl, il-kontroll tal-kwalità u l-ġestjoni tal-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-gass fi ħdan network tal-gass. Barra minn hekk, grillji intelliġenti jistgħu jinkludu wkoll tagħmir li jippermetti l-flussi fid-direzzjoni opposta mil-livell tad-distribuzzjoni għal-livell tat-trażmissjoni u t-tijib neċessarju relatat man-network eżistenti;

(c) fir-rigward tal-idroġenu:

(i) pipelines ta' trażmissjoni għat-trasport tal-idroġenu, prinċipalment idroġenu bi pressjoni għolja, kif ukoll pipelines għad-distribuzzjoni lokali tal-idroġenu, li jagħtu aċċess lil utenti multipli tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja;

(ii) faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art li huma konnessi mal-pipelines tal-idroġenu bi pressjoni għolja msemmija fil-punt (i);

(iii) faċilitajiet ta' dispaċċ, riċeviment, ħżin u rigassifikazzjoni jew dekompressjoni għal idroġenu likwifikat jew idroġenu integrat f'sustanzi kimiċi oħra bl-objettiv li l-idroġenu jiġi injettat fil-grilja;

(iv) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni essenzjali biex is-sistema tal-idroġenu topera b'sikurezza, sigurtà u effiċjenza jew biex jippermettu kapaċità bidirezzjonali, inklużi l-istazzjonijiet ta' kompressjoni.

(v) Kwalunkwe assi elenkat fil-punti (i), (ii), (iii), u (iv) jista' jkun assi mibni ġdid jew assi konvertit minn gass naturali għal idroġenu, jew kombinazzjoni tat-tnejn. L-assi elenkati taħt il-punti (i), (ii), (iii), u (iv), li huma soġġetti għal aċċess ta' parti terza għandhom jikkwalifikaw bħala infrastruttura tal-enerġija;

(d) fir-rigward tad-diossidu tal-karbonju (CO_2):

(i) pipelines, minbarra n-network tal-pipelines upstream, użati għat-trasport CO_2 minn aktar minn sors wieħed, jiġifieri installazzjonijiet industrijali (inklużi impjanti tal-enerġija) li jipproduċu CO_2 gass mill-kombustjoni jew reazzjonijiet kimiċi oħra li jinvolvu komposti fossili jew mhux fossili li fihom il-karbonju, għall-fini ta' ħżin ġeoloġiku permanenti ta' CO_2 skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** jew għall-fini tal-użu ta' CO_2 bħala materja prima jew biex jittejbu r-rendimenti tal-proċessi bijoloġiċi;

(ii) faċilitajiet għal-likwifikazzjoni u l-ħżin bafer ta' CO_2 fid-dawl tat-trasport ulterjuri tiegħu. Dan ma jinkludix l-infrastruttura ġo formazzjoni ġeoloġika li tintuża għal ħżin ġeoloġiku permanenti ta' CO_2 skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/31/KE u l-faċilitajiet tal-wiċċ u ta' injezzjoni assoċjati;

(iii) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni essenzjali biex is-sistema inkwistjoni topera b'mod xieraq, b'sigurtà u b'effiċjenza, inklużi s-sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll.

L-assi elenkati taħt il-punti (i), (ii) u (iii), li huma soġġetti għal aċċess ta' parti terza għandhom jikkwalifikaw bħala infrastruttura tal-enerġija;

(e) infrastruttura użata għat-trażmissjoni jew għad-distribuzzjoni tas-sħana/tal-fwar minn diversi produtturi jew utenti, ibbażata fuq l-użu ta' sħana, fwar jew sħana residwa b'livell ta' emissjonijiet żero jew baxx ta' karbonju minn applikazzjonijiet industrijali jew minn proċessi ta' produzzjoni (sħana mormija);

(f) Proġetti ta' Interess Komuni, kif definiti fil-leġiżlazzjoni tat-TEN-E (l-Artikolu 2, il-punt (4) tar-Regolament (UE) 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***);

(g) fir-rigward ta' tipi oħra ta' infrastruttura tal-enerġija: kategoriji ta' infrastruttura oħrajn li għandhom l-istess karatteristiċi bħall-kategoriji msemmija fil-punti (a) sa (f) hawn fuq. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-infrastruttura li tippermetti l-konnessjoni fiżika jew bla wajer ta' produtturi u utenti tal-enerġija b'livell żero jew baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (jew tat-trasportatur tal-enerġija) minn punti multipli ta' aċċess u ta' ħruġ u li huma miftuħa għall-aċċess minn partijiet terzi li ma jappartjenux għall-impriżi sid jew maniġer tal-infrastruttura;

L-assi elenkati taħt il-punti (a) sa (g) li jinbnew għal grupp wieħed jew għal grupp żgħir ta' utenti identifikati *ex ante* u mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom ("infrastruttura ddedikata") ma għandhomx jikkwalifikaw bħala infrastruttura tal-enerġija.

---

* Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

** Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39)";

(aw) jiddaħħlu l-punti (130a) u (130b) li ġejjin:

"(130a) "operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" (DSO) tfisser operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (29) tad-Direttiva (UE) 2019/944;

(130b) “operatur tas-sistema tat-trażmissjoni” (TSO) tfisser operatur tas-sistema tat-trażmissjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (35) tad-Direttiva (UE) 2019/944”;

(ax) il-punt (131) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(131) “leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija” tinkludi d-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

---

* Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

** Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta’ trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).;”

(ay) jiddaħħlu l-punti (131a) u (131b) li ġejjin:

“(131a) “qbid u ħżin tal-karbonju” jew “CCS” tfisser sett ta’ teknoloġiji li jaqbdu s-(CO_2) li joħroġ minn impjanti industrijali bbażati fuq fjuwils fossili jew bijomassa, inklużi impjanti tal-enerġija, jittrasportawh lejn post ta’ ħżin adattat u jinjettaw is-CO_2 f’formazzjonijiet ġeoloġiċi taħt l-art adattati għall-finijiet ta’ ħżin permanenti tas-CO_2;

(131b) “qbid u użu tal-karbonju” jew “CCU” tfisser sett ta’ teknoloġiji li jaqbdu s-CO_2 li joħroġ minn impjanti industrijali bbażati fuq fjuwils fossili jew bijomassa, inklużi impjanti tal-enerġija, u jittrasportawh lejn sit ta’ konsum tas-CO_2;”;

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) għal għajnuna għall-investiment reġjonali: għal investiment bi spejjeż eliġibbli ta’ EUR 100 miljun jew aktar, l-ammonti ta’ għajnuna għal kull impriża għal kull proġett ta’ investiment kif stabbilit hawn taħt:

– f’każijiet ta’ intensità massima tal-għajnuna reġjonali ta’ 10 %: EUR 7,5 miljuni;
– f’każijiet ta’ intensità massima tal-għajnuna reġjonali ta’ 15 %: EUR 11,25-il miljun;
– f’każijiet ta’ intensità massima tal-għajnuna reġjonali ta’ 20 %: EUR 15-il miljun;
– f’każijiet ta’ intensità massima tal-għajnuna reġjonali ta’ 25 %: EUR 18,75-il miljun;
– f’każijiet ta’ intensità massima tal-għajnuna reġjonali ta’ 30 %: EUR 22,5 miljun;
– f’każijiet fejn l-intensità massima tal-għajnuna reġjonali hija ta’ 35 %: EUR 26,25 miljun;
– f’każijiet fejn l-intensità massima tal-għajnuna reġjonali hija ta’ 40 %: EUR 30 miljun;
– f’każijiet fejn l-intensità massima tal-għajnuna reġjonali hija ta’ 50 %: EUR 37,5 miljun;

– f'każijiet fejn l-intensità massima tal-għajnuna reġjonali hija ta' 60 %: EUR 45 miljun;

– f'każijiet fejn l-intensità massima tal-għajnuna reġjonali hija ta' 70 %: EUR 52,5 miljun;";

(b) jiddaħħal il-punt (j*a*) li ġej:

"(j*a*) għal għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni: EUR 15-il miljun għal kull infrastruttura;";

(c) il-punti (s) u (s*a*) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(s) għal għajnuna għall-investiment għall-ħarsien tal-ambjent, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor: EUR 20 miljun għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment;

(s*a*) għal għajnuna għal infrastruttura u ħżin dedikati msemmija fl-Artikolu 36, il-paragrafu 5: EUR 20 miljun għal kull proġett;";

(d) jiddaħħlu l-punti (s*b*) sa (s*f*):

"(s*b*) għal għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil imsemmija fl-Artikolu 36a, il-paragrafi 1 u 2: EUR 20 miljun għal kull impriża għal kull proġett u, fil-każ ta' skemi, baġit annwali medju ta' EUR 150 miljun;

(s*c*) għal għajnuna għall-investiment għat-titjib ikkombinat tal-prestazzjoni enerġetika u ambjentali tal-bini msemmi fl-Artikoli 38(3b) u 39(2a): EUR 30 miljun għal kull proġett;

(s*d*) għal għajnuna għall-investiment għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 38(7): EUR 30 miljun ta' finanzjament pendenti nominali totali għal kull proġett;

(s*e*) għal għajnuna għall-investiment għal proġetti ta' effiċjenza enerġetika fil-bini fil-forma ta' strumenti finanzjarji: l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 39(5);

(s*f*) għal għajnuna fil-forma ta' tnaqqis tat-taxxi jew tal-imposti ambjentali msemmija fl-Artikolu 44a: EUR 50 miljun għal kull skema għal kull sena;";

(e) il-punt (v) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(v) għal għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 42, u għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u idroġenu rinnovabbli f'installazzjonijiet fuq skala żgħira u għall-promozzjoni ta' komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 43: EUR 20 miljun għal kull impriża għal kull proġett;";

(f) jiddaħħal il-punt (v*a*) li ġej:

"(v*a*) għal għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u idroġenu rinnovabbli f'installazzjonijiet fuq skala żgħira u għall-promozzjoni ta' komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 43, u għal għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 42: EUR 250 miljun għal kull sena billi jitqies il-baġit kombinat tal-iskemi kollha li jaqgħu taħt l-Artikolu rispettiv;";

(g) il-punti (w) u (x) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(w) għal għajnuna għal sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali, kif imsemmi fl-Artikolu 46: EUR 50 miljun għal kull impriża għal kull proġett;

(x) għal għajnuna għall-infrastruttura tal-enerġija, kif imsemmi fl-Artikolu 48: EUR 70 miljun għal kull impriża għal kull proġett;";

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt (g*a*) li ġej:

"(g*a*) għajnuna għall-SMEs fil-forma ta' tariffi mnaqqsa għall-aċċess jew aċċess bla ħlas għal servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punti (94) u (95) rispettivament, offruti pereżempju minn organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-tixrid tal-għarfien, infrastrutturi tar-riċerka, infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni jew raggruppamenti tal-innovazzjoni bbażati fuq skema ta' għajnuna dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-vantaġġ li jikkonsisti f'tariffi mnaqqsa jew f'aċċess bla ħlas miksub huwa kwantifikabbli u dimostrabbli;

(ii) l-iskontijiet sħaħ jew parzjali fuq il-prezzijiet għas-servizzi u r-regoli li f'konformità magħhom l-SMEs jistgħu japplikaw għal u jintgħażlu u jingħataw skontijiet isiru disponibbli għall-pubbliku (permezz ta' siti web jew mezzi xierqa oħra) qabel ma l-fornitur tas-servizz jibda joffri l-iskontijiet;

(iii) il-fornitur ta' servizzi għandu jżomm rekords tal-ammonti ta' għajnuna mogħtija lil kull SME fil-forma ta' skontijiet fuq il-prezzijiet biex jiżgura li l-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 28(3) u (4) jiġu rrispettati. Tali rekords għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna mill-fornitur ta' servizzi;";

(4) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fil-każ ta' għajnuna għall-investiment reġjonali: li proġett jitwettaq, li ma kienx jitwettaq fiż-żona kkonċernata jew ma kienx jiġġenera biżżejjed profitt għall-benefiċjarju fiż-żona kkonċernata jew kullimkien fiż-ŻEE li kieku ma kienx hemm l-għajnuna.";

(b) fil-paragrafu 5, jiżdiedu l-punti (m) u (n) li ġejjin:

"(m) l-għajnuna għar-rimedju tal-ħsara ambjentali u r-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-ekosistemi fejn l-ispejjeż tar-rimedju jew tar-riabilitazzjoni jaqbżu ż-żieda fil-valur tal-art jew tal-proprjetà u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45;

(n) għajnuna għall-protezzjoni tal-bijodiversità u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45.";

(5) l-Artikolu 7, il-paragrafu 1, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, għandhom jittieħdu ċ-ċifri użati kollha qabel kull tnaqqis fit-taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġati b'evidenza dokumentata li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja. L-ammonti ta' spejjeż eliġibbli jistgħu jiġu kkalkolati f'konformità mal-għażliet ta' spejjeż issimplifikati stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jew fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, skont liema jkun applikabbli dment li l-operat ikun mill-inqas parzjalment iffinanzjat permezz ta' fond tal-Unjoni li jippermetti l-użu ta' dawk l-għażliet ta' spejjeż issimplifikati u li l-kategorija ta' spejjeż tkun eliġibbli skont id-dispożizzjoni ta' eżenzjoni rilevanti.

* Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).";

(6) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħra tal-Unjoni li mhux direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru huwa kkombinat flimkien ma' għajnuna mill-Istat, dan tal-aħħar biss jitqies biex jiġi stabbilit jekk il-limiti ta' notifika u tal-intensitajiet massimi ta' għajnuna jew l-ammonti massimi ta' għajnuna ġewx irrispettati, dment li l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti għal dawn l-spejjeż eliġibbli ma jaqbiżx ir-rata ta' finanzjament l-aktar favorevoli stabbilita fir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni. B'deroga, il-finanzjament pubbliku totali għal proġetti appoġġati mill-Fond Ewropew għad-Difiża jista' jilħaq l-ispejjeż eliġibbli totali tal-proġett, dment li jiġu rispettati l-limiti ta' notifika u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna jew l-ammonti massimi tal-għajnuna skont dan ir-Regolament.";

(7) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura l-pubblikazzjoni fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, ta':

(a) l-informazzjoni fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11 fil-format standardizzat stabbilit fl-Anness II jew link li tipprovdi aċċess għaliha;

(b) it-test sħiħ ta' kull miżura ta' għajnuna, kif imsemmi fl-Artikolu 11 jew link li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Anness III dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż EUR 100 000, jew għal benefiċjarji attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, minbarra dawk li għalihom tapplika t-Taqsima 2a, dwar kull għotja ta' għajnuna individwali għal tali produzzjoni li taqbeż EUR 60 000 u għal benefiċjarji attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, minbarra dawk li għalihom tapplika t-Taqsima 2a, dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż EUR 30 000.

Fir-rigward ta' għajnuna mogħtija lil proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 20, l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Istat Membru li fih tkun tinsab l-awtorità ta' ġestjoni kkonċernata, kif definit fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, skont liema jkun applikabbli. Alternattivament, l-Istat Membru parteċipanti jista' jiddeċiedi li kull wieħed minnhom għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar il-miżuri tal-għajnuna fit-territorju tagħhom fuq is-siti web rispettivi.

L-obbligi ta' pubblikazzjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw għal għajnuna mogħtija lil proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 20a, kif ukoll għal proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola ("EIP") u proġetti ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità ("CLLD") skont l-Artikolu 19b.

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

** Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).";

(8) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 13

Kamp ta' applikazzjoni tal-Għajnuna reġjonali

Din it-Taqsima ma għandhiex tapplikax għal:

(a) għajnuna fis-settur tal-azzar, fis-settur tal-linjite u fis-settur tal-faħam;

(b) għajnuna għas-settur tat-trasport kif ukoll għall-infrastruttura relatata, u għajuna għall-ġenerazzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-infrastruttura tal-enerġija ħlief għal għajnuna għall-investiment reġjonali f'reġjuni ultraperiferiċi u skemi tal-għajnuna operatorja reġjonali;

(c) għajnuna reġjonali fil-forma ta' skemi li huma mmirati lejn għadd limitat ta' setturi speċifiċi ta' attività ekonomika; skemi mmirati lejn attivitajiet turistiċi jew l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ma humiex ikkunsidrati bħala mmirati lejn setturi speċifiċi tal-attività ekonomika;

(d) għajnuna operatorja reġjonali li tingħata lil impriżi li l-attivitajiet ewlenin tagħhom jaqgħu taħt it-Taqsima K "Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni" tan-NACE Rev. 2 jew lil impriżi li jwettqu attivitajiet intragrupp li l-attivitajiet ewlenin tagħhom jaqgħu taħt il-klassijiet 70.10 "Attivitajiet tal-uffiċċji ċentrali" jew 70.22 "In-negozju u attivitajiet oħra ta' konsulenza maniġerjali" tan-NACE Rev. 2.;

(e) għajnuna li tkopri l-ispejjeż tal-investiment għall-bini, l-art u t-tagħmir sa fejn u sakemm ikunu parti minn proġett appoġġat skont l-Artikolu 25.";

(9) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tielet sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-għajnuna lil intrapriżi kbar għandha tingħata biss għal investiment inizjali li joħloq attività ekonomika ġdida fiż-żona kkonċernata.";

(b) il-paragrafi (4), (5) u (6) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu wieħed jew bosta minn dawn li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli; jew

(b) l-ispejjeż stmati tal-pagi tal-impjiegi maħluqa bħala riżultat ta' investiment inizjali, ikkalkulati fuq sentejn; jew

(c) taħlita ta' parti mill-ispejjeż imsemmija fil-punti (a) u (b) iżda li ma taqbiżx l-ammont ta' punt (a) jew (b), skont liema jkun l-ogħla.

5. L-investiment għandu jinżamm fiż-żona kkonċernata għal mill-inqas ħames snin, jew tliet snin għall-SMEs, wara t-tlestija tal-investiment. Dan ma għandux jimpedixxi s-sostituzzjoni ta' impjant jew tagħmir li ma jkunx għadu aktar validu jew li nkiser f'dan il-perjodu, dment li l-attività ekonomika tinżamm fiż-żona kkonċernata għall-perjodu minimu.

6. L-assi akkwistati għandhom ikunu ġodda ħlief għall-SMEs u għall-akkwist ta' stabbiliment.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

"6a. L-ispejjeż marbuta mal-lokazzjoni ta' assi tanġibbli jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fil-każ ta' art u bini, il-lokazzjoni trid tkompli għal mill-inqas ħames snin wara d-data li fiha huwa mistenni li jitlesta l-investiment fil-każ ta' kumpaniji kbar, u għal tliet snin fil-każ ta' SMEs;

(a) fil-każ ta' impjanti jew makkinarju, il-lokazzjoni trid tieħu l-forma ta' lokazzjoni finanzjarja u trid tinkludi obbligu għall-benefiċjarju tal-għajnuna biex jixtri l-assi malli jiskadi t-terminu tal-lokazzjoni.

Fil-każ ta' investiment inizjali kif imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt 49(b) jew il-punt 51(b), fil-prinċipju għandhom jitqiesu biss l-ispejjeż tax-xiri tal-assi minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej. Madankollu, jekk membru tal-familja tas-sid oriġinali, jew impjegat, jieħu f'idejh intrapriża żgħira, il-kundizzjoni li l-assi għandhom jinxtraw minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej ma tapplikax. It-tranżazzjoni għandha sseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk l-akkwiżizzjoni tal-assi ta' stabbiliment tkun akkumpanjata minn investiment addizzjonali eliġibbli għall-għajnuna reġjonali, l-ispejjeż eliġibbli ta' dak l-investiment addizzjonali jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni tal-assi tal-istabbiliment. Meta l-għajnuna għall-akkwiżizzjoni ta' assi tkun diġà ngħatat qabel ma jinxtraw, l-ispejjeż ta' dawk l-assi għandhom jitnaqqsu mill-ispejjeż eliġibbli relatati mal-akkwiżizzjoni ta' stabbiliment.";

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi kbar għal bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jaqbżu d-deprezzament tal-assi marbuta mal-attività li tkun trid tiġi mmodernizzata matul it-tliet snin fiskali preċedenti. Fil-każ ta' għajnuna mogħtija għal diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti, l-ispejjeż eliġibbli jridu jaqbżu l-valur kontabilistiku tal-assi li jkunu qed jerġgħu jintużaw b'mill-anqas 200 %, kif irreġistrat fis-sena fiskali ta' qabel bdew ix-xogħlijiet.";

(e) il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) iridu jiġu inklużi fl-assi tal-impriża li tirċievi l-għajnuna u jridu jibqgħu assoċjati mal-proġett li għalih tkun ingħatat l-għajnuna għal mill-anqas ħames snin (tliet snin għall-SMEs).";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal intrapriżi kbar, l-ispejjeż ta' assi intanġibbli għandhom ikunu eliġibbli biss sa 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli totali għall-investiment inizjali. Għall-SMEs, 100 % tal-ispejjeż tal-assi intanġibbli għandhom ikunu eliġibbli.";

(f) fil-paragrafu 9, il-punti (a) u (b) jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(a) il-proġett ta' investiment għandu jwassal għal żieda netta fl-għadd ta' impjegati fl-istabbiliment ikkonċernat meta mqabbel mal-medja matul it-12-il xahar preċedenti, wara t-tnaqqis mill-għadd ta' impjiegi maħluqa ta' kwalunkwe impjieg li jkun intilef matul dak il-perjodu, espress bħala unitajiet lavorattivi annwali;

(b) kull pożizzjoni għandha timtela fi żmien tliet snin mit-tlestija tal-investiment;";

(g) il-paragrafi 10 u 11 huma mħassra;

(h) fil-paragrafu 12, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“12. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż l-intensità massima tal-għajnuna stabbilita fil-mappa tal-għajnuna reġjonali li tkun fis-seħħ fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna fiż-żona kkonċernata.”;

(i) il-paragrafi 14 u 15 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“14. Il-benefiċjarju tal-għajnuna għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta’ mill-anqas 25 % tal-ispejjeż eliġibbli permezz tar-riżorsi proprji tiegħu jew permezz ta’ finanzjament estern, f’forma li tkun ħielsa minn kwalunkwe appoġġ pubbliku. Ir-rekwiżit ta’ kontribuzzjoni proprja ta’ 25 % ma għandux japplika għal għajnuna għall-investiment mogħtija għal investimenti f’reġjuni ultraperiferiċi sakemm tkun meħtieġa kontribuzzjoni aktar baxxa biex takkomoda bis-sħiħ l-intensità massima tal-għajnuna.

15. Għal investiment inizjali marbut ma’ proġetti ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea koperti mir-Regolament (UE) Nru 1299/2013, jew ir-Regolament (UE) 2021/1059, l-intensità tal-għajnuna taż-żona li fiha jinsab l-investiment inizjali għandha tapplika għall-benefiċjarji kollha li jipparteċipaw fil-proġett. Jekk l-investiment inizjali jkun jinsab f’żewġ żoni megħjuna jew aktar, l-intensità massima tal-għajnuna għandha tkun dik applikabbli fiż-żona megħjuna fejn jiġġarrab l-akbar ammont tal-ispejjeż eliġibbli. F’żoni megħjuna eliġibbli għall-għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, din id-dispożizzjoni għandha tapplika għal impriżi kbar biss jekk l-investiment inizjali jikkonċerna attività ekonomika ġdida.”;

(10) fl-Artikolu 15(3), il-frażi introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“3. F’żoni skarsament popolati u skarsament ħafna popolati, l-iskemi ta’ għajnuna operatorja reġjonali għandhom jipprevjenu jew inaqqsu d-depopolazzjoni skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:”;

(11) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“2. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu wieħed jew bosta minn dawn li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tal-investiment f’assi tanġibbli u intanġibbli, dment li ma jaqgħux taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 25;

(b) l-ispejjeż stmati tal-pagi ta’ xogħlijiet maħluqa direttament mill-proġett ta’ investiment, ikkalkulati fuq sentejn;

(c) taħlita ta’ parti mill-ispejjeż imsemmija fil-punti (a) u (b) iżda li ma taqbiżx l-ammont ta’ punt (a) jew (b), skont liema jkun l-ogħla.

3. Sabiex jitqies bħala spiża eliġibbli għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, l-investiment għandu jikkonsisti f’dawn li ġejjin:

(a) investiment f’assi tanġibbli u intanġibbli relatati mat-twaqqif ta’ stabbiliment ġdid; l-estensjoni tal-kapaċità ta’ stabbiliment eżistenti; id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni ta’ stabbiliment fi prodotti li qatt ma ġew prodotti qabel fl-istabbiliment; jew bidla fundamentali fil-proċess globali tal-produzzjoni tal-prodott(i) kkonċernat(i) mill-investiment fl-istabbiliment; jew

(b) akkwiżizzjoni ta’ assi li jappartjenu għal stabbiliment li jkun għalaq jew li kieku kien jagħlaq kieku ma nxtarax. L-akkwiżizzjoni unika tal-ishma ta’ impriża ma tikkwalifikax bħala investiment. It-tranżazzjoni għandha sseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Fil-prinċipju, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss l-ispejjeż tax-xiri tal-assi minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej. Madankollu, jekk membru tal-familja tas-sid oriġinali, jew impjegat, jieħu f’idejh intrapriża

żgħira, il-kundizzjoni li l-assi għandhom jinxtraw minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej ma tapplikax.

Investiment ta' sostituzzjoni għalhekk ma jikkostitwixxix investiment skont it-tifsira ta' dan il-paragrafu.";

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għandhom ikunu amortizzabbli;";

(ii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għandhom jiġu inklużi fl-assi tal-impriża li tirċievi l-għajnuna u għandhom jibqgħu assoċjati mal-proġett li għalih tkun ingħatat l-għajnuna għal mill-anqas tliet snin.";

(c) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) 10 % tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' intrapriżi ta' daqs medju;";

(ii) jiddaħħal il-punt (c) li ġej:

"(c) Meta l-intensità tal-għajnuna hija kkalkulata abbażi tal-paragrafu 2, il-punt (c), l-intensità massima tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż l-ammont l-aktar favorevoli li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dik l-intensità abbażi ta' spejjeż tal-investiment jew spejjeż tal-pagi.";

(12) L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju

1. Skemi tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju favur l-SMEs għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. L-Istati Membri, direttament jew permezz ta' entità fdata, għandhom jimplimentaw il-miżura tal-finanzjament ta' riskju permezz ta' intermedjarju finanzjarju wieħed jew aktar. L-Istati Membri jew l-entitajiet fdati għandhom jipprovdu kontribuzzjoni pubblika lill-intermedjarji finanzjarji f'konformità mal-paragrafi 9 sa 13 hawn taħt u l-intermedjarji finanzjarji għandhom jagħmlu investimenti ta' finanzjament ta' riskju f'impriżi eliġibbli. La l-Istati Membri u lanqas l-entitajiet fdati ma għandhom jinvestu direttament fl-impriżi eliġibbli mingħajr l-involviment ta' intermedjarju finanzjarju.

3. Impriżi eliġibbli għandhom ikunu impriżi li fiż-żmien tal-investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali huma SMEs mhux elenkati u għall-inqas jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma kienu qed joperaw fl-ebda suq;

(b) ilhom joperaw fi kwalunkwe suq għal inqas minn 10 snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom u/jew, fil-każ ta' intrapriżi innovattivi, seba' snin wara l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom. Għal impriżi eliġibbli li ħadu f'idejhom l-attivitajiet ta' intrapriża oħra jew li ġew iffurmati permezz ta' fużjoni, f'liema każ il-perjodu ta' eliġibbiltà jinkludi wkoll l-operazzjonijiet ta' dik l-intrapriża jew tal-kumpaniji fużi. Għal impriżi eliġibbli li ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni, il-perjodu ta'

eliġibbiltà huwa meqjus li jibda mill-mument meta l-intrapriża tibda l-attività ekonomika tagħha jew mill-mument meta ssir soġġetta għat-taxxa fir-rigward tal-attività ekonomika tagħha, liema minnhom tkun l-ewwel;

(c) jeħtieġu investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali li, abbażi ta' pjan tan-negozju mħejji minħabba attività ekonomika ġdida, huwa ogħla minn 50 % tal-fatturat annwali medju tagħhom fil-5 snin preċedenti. L-investimenti mmirati lejn it-titjib sinifikanti tal-prestazzjoni ambjentali tal-attività f'konformità mal-Artikolu 36(2) u investimenti oħra ambjentalment sostenibbli kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi ġodda jekk ir-rekwiżiti ta' finanzjament inizjali tagħhom huma ogħla minn [30 %] mill-fatturat annwali medju fil-5 snin preċedenti.

4. L-investiment għall-finanzjament ta' riskju jista' jkopri wkoll investimenti ta' segwitu li saru f'impriżi eliġibbli, inkluż wara l-perjodu ta' eliġibbiltà msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-ammont totali ta' finanzjament ta' riskju msemmi fil-paragrafu 8 ma jinqabiżx;

(b) il-possibbiltà ta' investimenti ta' segwitu kienet prevista fil-pjan ta' negozju oriġinali;

(c) l-impriża li qed tirċievi l-investimenti ta' segwitu ma jkunx sar ikollha x'taqsam, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tal-Anness I, ma' impriża oħra għajr l-intermedjarju finanzjarju jew l-investitur privat indipendenti li jipprovdi l-finanzjament ta' riskju taħt il-miżura, sakemm l-entità l-ġdida ma tkunx SME.

5. L-investimenti ta' finanzjament ta' riskju f'impriżi eliġibbli jistgħu jieħdu l-forma ta' investimenti ta' ekwità, kważi ekwità, self, garanziji, jew taħlita tagħhom.

6. Meta jingħataw garanziji, il-garanzija ma għandhiex taqbeż 80 % tas-self sottostanti.

7. Għall-investimenti ta' finanzjament ta' riskju fil-forma ta' investimenti ta' ekwità u ta' kważi ekwità f'impriżi eliġibbli, miżura ta' finanzjament ta' riskju tista' tkopri l-kapital ta' sostituzzjoni biss jekk dan tal-aħħar ikun ikkombinat ma' kapital ġdid li jirrappreżenta mill-inqas 50 % ta' kull serje ta' investimenti fl-impriżi eliġibbli.

8. L-ammont totali ta' finanzjament ta' riskju pendenti msemmi fil-paragrafu 5 ma għandux jaqbeż EUR 15-il miljun għal kull impriża eliġibbli taħt kwalunkwe miżura ta' finanzjament ta' riskju. Sabiex jiġi kkalkolat dan l-ammont massimu ta' investiment ta' finanzjament ta' riskju, għandu jitqies dan li ġej:

(a) fil-każ ta' self u investimenti ta' kważi ekwità strutturati bħala dejn, l-ammont nominali tal-istrument;

(b) fil-każ ta' garanziji, l-ammont nominali tas-self sottostanti.

9. Il-kontribuzzjoni pubblika pprovduta lill-intermedjarji finanzjarji tista' tieħu waħda mill-forom li ġejjin:

(a) ekwità jew kważi ekwità, jew allokazzjoni finanzjarja biex jiġi pprovdut investiment ta' finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lil impriżi eliġibbli;

(b) self sabiex jiġi pprovdut investiment ta' finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lil impriżi eliġibbli;

(c) garanziji biex ikopru t-telf minn investiment ta' finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lil impriżi eliġibbli.

10. L-arranġamenti ta' kondiviżjoni tar-riskji u l-gwadanji bejn l-Istat Membru jew l-entità fdata tiegħu u l-intermedjarju finanzjarju għandhom ikunu adegwati u għandhom jikkonformaw ma' dawn li ġejjin:

(a) għall-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju f'forom għajr garanziji, il-qsim asimmetriku tal-profitti għandu jingħata preferenza fuq il-protezzjoni ta' telf; fil-każ ta' qsim asimmetriku tat-telf bejn investituri pubbliċi u privati, l-ewwel telf li jsir mill-investitur pubbliku għandu jiġi limitat għal 25 % tal-investiment ta' finanzjament ta' riskju.

(b) għall-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fil-forma ta' garanziji, ir-rata ta' garanzija għandha tkun limitata għal 80 % u t-telf totali li jassumi l-Istat Membru għandu jiġi limitat għal massimu ta' 25 % tal-portafoll iggarantit sottostanti. Garanziji li jkopru telf mistenni tal-portafoll iggarantit sottostanti biss jistgħu jiġu pprovduti b'xejn. Jekk garanzija tinkludi wkoll il-kopertura tat-telf mhux mistenni, l-intermedjarju finanzjarju għandu jħallas, għall-parti tal-garanzija li tkopri t-telf mhux mistenni, primjum ta' garanzija konformi mas-suq.

11. Meta l-kontribuzzjoni pubblika pprovduta lill-intermedjarju finanzjarju tieħu l-forma ta' ekwità u kważi ekwità kif imsemmi fil-paragrafu 9, il-punt (a), mhux aktar minn 30 % tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati tal-intermedjarju finanzjarju u l-kapital impenjat mhux mitlub jistgħu jintużaw għal finijiet ta' ġestjoni tal-likwidità.

12. Għall-miżuri ta' finanzjament ta' riskju mmirati biex jipprovdu investimenti ta' finanzjament ta' riskju fil-forma ta' ekwità, kważi ekwità jew self lil impriżi eliġibbli, il-kontribuzzjoni pubblika pprovduta lill-intermedjarju finanzjarju għandha tingrana finanzjament addizzjonali minn investituri privati indipendenti fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-impriżi eliġibbli, sabiex tintlaħaq rata ta' parteċipazzjoni privata aggregata li tilħaq il-limiti minimi li ġejjin:

(a) 10 % tal-investiment ta' finanzjament ta' riskju mogħti lill-impriżi eliġibbli msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a);

(b) 40 % tal-investiment ta' finanzjament ta' riskju mogħti lill-impriżi eliġibbli msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b);

(c) 60 % tal-investiment ta' finanzjament ta' riskju mogħti lill-impriżi eliġibbli msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c) u għal investiment ta' finanzjament ta' riskju ta' segwitu f'impriżi eliġibbli wara l-perjodu ta' eliġibbiltà imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b).

Il-finanzjament ipprovdut minn investituri privati indipendenti li jibbenefikaw minn għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fil-forma ta' inċentivi tat-taxxa skont l-Artikolu 21a ma għandux jitqies għall-finijiet li jintlaħqu r-rati ta' parteċipazzjoni privata aggregati stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

Ir-rati ta' parteċipazzjoni privata msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c) għandhom jitnaqqsu għal 20 % taħt (b) u 30 % taħt (c) għal investimenti magħmula f'żoni megħjuna indikati f'mappa approvata ta' għajnuna reġjonali valida fiż-żmien tal-forniment tal-investiment ta' finanzjament ta' riskju b'applikazzjoni tal-Artikolu 107(3), il-punt (a) tat-Trattat.

13. Meta miżura ta' finanzjament ta' riskju hija implimentata permezz ta' intermedjarju finanzjarju li jimmira lejn impriżi eliġibbli fi stadji ta' żvilupp differenti kif imsemmi fil-paragrafi 3 u 4, l-intermedjarju finanzjarju għandu jikseb rata ta' parteċipazzjoni privata li tirrappreżenta għall-inqas il-medja peżata bbażata fuq il-volum tal-investimenti individwali

fil-portafoll sottostanti u li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-rati minimi ta' parteċipazzjoni għal tali investimenti kif imsemmija fil-paragrafu 12, sakemm il-parteċipazzjoni meħtieġa minn investituri privati indipendenti ma tinkisibx fil-livell tal-impriżi eliġibbli.

14. Intermedjarji finanzjarji u maniġers ta' fondi għandhom jiġu magħżula permezz ta' proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mal-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Il-proċedura għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi marbuta mal-esperjenza, mal-għarfien espert u mal-kapaċità operazzjonali u finanzjarja, u għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandha tiżgura li intermedjarji finanzjarji u maniġers ta' fondi eliġibbli jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġijiet applikabbli;

(b) ma għandhiex tiddiskrimina bejn intermedjarji finanzjarji u maniġers ta' fondi abbażi tal-post tal-istabbiliment jew tal-inkorporazzjoni tagħhom fi kwalunkwe Stat Membru;

(c) tista' tirrikjedi li intermedjarji finanzjarji u maniġers ta' fondi eliġibbli jissodisfaw kriterji predefiniti ġġustifikati b'mod oġġettiv min-natura tal-investimenti;

(d) għandu jkollha l-għan li tistabbilixxi arranġamenti adegwati ta' kondiviżjoni tar-riskji u l-gwadanji kif deskritt fil-paragrafu 10.

15. Il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju għandhom jiżguraw li l-intermedjarji finanzjarji li jirċievu l-kontribuzzjoni pubblika jieħdu deċiżjonijiet xprunati mill-profitt meta jipprovdu lill-impriżi eliġibbli b'investiment ta' finanzjament ta' riskju. Dan l-obbligu jiġi ssodisfat meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-Istat Membru, jew l-entità fdata bl-implimentazzjoni tal-miżura, għandha tipprovdi għal proċess ta' diliġenza dovuta sabiex tiżgura strateġija ta' investiment kummerċjalment soda għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju, inkluża politika ta' diversifikazzjoni tar-riskju xierqa mmirata lejn il-kisba ta' vijabilità ekonomika u skala effiċjenti f'termini ta' daqs u kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-portafoll ta' investimenti rilevanti;

(b) investiment ta' finanzjament ta' riskju mogħti lill-impriżi eliġibbli għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' direzzjoni tan-negozju vijabbli, li jkun fih dettalji tal-prodott, tal-bejgħ u tal-iżvilupp ta' profittabilità, li jistabbilixxi vijabilità finanzjarja *ex-ante*;

(c) strateġija ta' ħruġ ċara u realistika għandha teżisti għal kull investiment ta' ekwità u ta' kważi ekwità.

16. L-intermedjarji finanzjarji għandhom jiġu mmaniġġati fuq bażi kummerċjali. Dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat meta l-intermedjarju finanzjarju u, skont it-tip ta' miżura ta' finanzjament ta' riskju, il-maniġer tal-fond, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandhom ikunu obbligati bil-liġi jew b'kuntratt li jaġixxu f'konformità mal-aħjar prattiki u bid-diliġenza ta' maniġer professjonali li jaġixxi b'rieda tajba u jevita l-kunflitti ta' interess; għandha tapplika s-superviżjoni regolatorja;

(b) ir-remunerazzjoni tagħhom għandha tkun konformi mal-prattiki tas-suq. Dan ir-rekwiżit huwa preżunt li jiġi ssodisfat sakemm dawn jintgħażlu permezz ta' proċedura ta' għażla miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mal-paragrafu 14;

(c) għandhom jirċievu remunerazzjoni marbuta mal-prestazzjoni, jew għandhom jaqsmu parti mir-riskji tal-investiment billi jikkoinvestu r-riżorsi proprji tagħhom biex jiġi

żgurat li l-interessi tagħhom ikunu permanentement allinjati mal-interessi tal-Istat Membru jew tal-entità fdata tiegħu;

(d) huma għandhom jistabbilixxu strateġija ta' investiment, il-kriterji u t-twaqqit propost għall-investimenti;

(e) l-investituri għandhom jitħallew jiġu rrappreżentati fil-korpi ta' governanza tal-fond ta' investiment, bħall-bord ta' sorveljanza jew il-kumitat konsultattiv.

17. F'miżura ta' finanzjament ta' riskju fejn l-investiment ta' finanzjament ta' riskju jiġi pprovdut lil impriżi eliġibbli fil-forma ta' garanziji, self jew investimenti ta' kważi ekwità strutturati bħala dejn, l-intermedjarju finanzjarju għandu jwettaq investimenti ta' finanzjament ta' riskju f'impriżi eliġibbli li ma kinux jitwettqu jew li kienu jitwettqu b'mod ristrett jew differenti mingħajr l-għajnuna. L-intermedjarju finanzjarju għandu jkun kapaċi juri li huwa jopera mekkaniżmu li jiżgura li l-vantaġġi kollha jiġu mgħoddija kemm jista' jkun lill-benefiċjarji finali fil-forma ta' volumi ogħla ta' finanzjament, portafolli aktar riskjużi, inqas rekwiżiti kollaterali, primjums ta' garanzija aktar baxxi jew rati tal-imgħax aktar baxxi.

18. Il-miżuri għall-finanzjament ta' riskju li jipprovdu investimenti ta' finanzjament ta' riskju għall-SMEs li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) fil-livell tal-SMEs, l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013*, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013** jew fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014***, skont liema jkun applikabbli;

(b) il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti fil-paragrafi 3, 4, 8, 12 u 13 huma ssodisfati;

(c) għall-miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jipprovdu investimenti ta' finanzjament ta' riskju lil impriżi eliġibbli fil-forma ta' ekwità, kważi ekwità jew self, il-miżura għandha tingrana finanzjament addizzjonali minn investituri privati indipendenti fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-SMEs, sabiex tintlaħaq rata ta' parteċipazzjoni privata aggregata li tilħaq mill-inqas 60 % tal-finanzjament ta' riskju pprovdut lill-SMEs.

---

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013 p. 9).

*** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).";

(13) jiddaħħal l-Artikolu 21a li ġej:

"Artikolu 21a

Għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fil-forma ta' inċentivi tat-taxxa għal investituri privati

1. Skemi ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju favur l-SMEs fil-forma ta' inċentivi tat-taxxa lil investituri privati indipendenti li huma persuni fiżiċi li jipprovdu finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lil impriżi eliġibbli għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. L-impriżi eliġibbli huma dawk determinati mill-Artikolu 21(3) u (4). L-investiment totali ta' finanzjament tar-riskju previst fl-Artikolu 21 u f'dan l-Artikolu għal kull impriża eliġibbli ma għandux jaqbeż l-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu 21(8).

3. F'każ li l-investitur privat indipendenti jipprovdi finanzjament ta' riskju indirettament permezz ta' intermedjarju finanzjarju, l-investiment eliġibbli għandu jieħu l-forma tal-akkwiżizzjoni ta' ishma jew parteċipazzjonijiet fl-intermedjarju finanzjarju, li min-naħa tiegħu għandu jipprovdi investimenti ta' finanzjament ta' riskju lil impriżi eliġibbli fil-forom u skont il-kundizzjonijiet iddeterminati mill-Artikolu 21(5) sa (8). Ma jista' jingħata ebda inċentiv fiskali fir-rigward tas-servizzi mogħtija mill-intermedjarju finanzjarju jew mill-maniġers tiegħu.

4. F'każ li l-investitur privat indipendenti jipprovdi finanzjament ta' riskju direttament lill-impriża eliġibbli, l-akkwiżizzjoni biss ta' ishma ordinarji ta' riskju sħiħ maħruġa minn impriża eliġibbli għandha tikkostitwixxi investiment eliġibbli. Dawk l-ishma għandhom jinżammu għal mill-inqas 3 snin. Il-kapital ta' sostituzzjoni għandu jkun kopert biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(7). It-telf li jirriżulta mat-trasferiment tal-ishma jista' jiġi paċut kontra t-taxxa fuq l-introjtu. Fil-każ ta' ħelsien mit-taxxa fuq id-dividendi, kwalunkwe dividend irċevut fir-rigward tal-ishma kwalifikanti jista' jkun eżentat kompletament mit-taxxa fuq l-introjtu. Bl-istess mod, fil-każ ta' ħelsien mit-taxxa fuq qligħ kapitali, kwalunkwe profitt fuq il-bejgħ ta' ishma kwalifikanti jista' jkun kompletament eżenti mit-taxxa fuq il-qligħ kapitali. Barra minn hekk, l-obbligazzjoni ta' taxxa fuq il-qligħ kapitali fir-rigward tat-trasferiment tal-ishma kwalifikanti tista' tiġi differita jekk tiġi investita mill-ġdid f'ishma kwalifikanti ġodda fi żmien sena.

5. Il-ħelsien massimu mit-taxxa ma għandux jaqbeż l-obbligazzjoni massima tat-taxxa tal-investitur privat indipendenti għat-taxxa li għaliha japplika l-ħelsien. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni adegwata tal-investitur privat indipendenti, f'konformità mal-Artikolu 21(12), il-ħelsien mit-taxxa ma għandux jaqbeż il-limiti massimi li ġejjin:

(a) 50 % tal-investiment eliġibbli mwettaq mill-investitur privat indipendenti jekk il-benefiċjarji finali jaqgħu taħt l-Artikolu 21(3), il-punt (a);

(b) 35 % tal-investiment eliġibbli mwettaq mill-investitur privat indipendenti jekk il-benefiċjarji finali jaqgħu taħt l-Artikolu 21(3), il-punt (b);

(c) 20 % tal-investiment eliġibbli mwettaq mill-investitur privat indipendenti jekk il-benefiċjarji finali jaqgħu taħt l-Artikolu 21(3), il-punt (c) jew għal investiment eliġibbli ta' segwitu wara l-perjodu ta' eliġibbiltà msemmi fl-Artikolu 21(3), il-punt (b).

Il-limiti ta' ħelsien mit-taxxa msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c) jistgħu jiżdiedu sa 50 % taħt (b) u sa 35 % taħt (c) għal investimenti magħmula f'żoni megħjuna deżinjati f'mappa approvata tal-għajnuna reġjonali b'applikazzjoni tal-Artikolu 107(3), il-punt (a) tat-Trattat.";

(14) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-impriżi eliġibbli għandhom ikunu kwalunkwe intrapriża żgħira li ma tkunx elenkata sa ħames snin wara r-reġistrazzjoni tagħha, li tissodisfa il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma tkunx wirtet l-attività ta' intrapriża oħra;

(b) ma tkunx għadha iddistribwiet il-profitti;

(c) ma tkunx ġiet iffurmata permezz ta' fużjoni.

Għal impriżi eliġibbli li ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà ta' ħames snin huwa meqjus li jibda jew mill-mument meta l-intrapriża tibda l-attività ekonomika tagħha jew mill-mument li ssir soġġetta għat-taxxa fir-rigward tal-attività ekonomika tagħha, liema minnhom tkun l-ewwel.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-intrapriżi ffurmati permezz ta' fużjoni bejn impriżi eliġibbli għall-għajnuna skont dan l-Artikolu għandhom ukoll jitqiesu bħala impriżi eliġibbli sa ħames snin mid-data tar-reġistrazzjoni tal-eqdem intrapriża li tipparteċipa fil-fużjoni.";

(b) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Minbarra l-ammonti fil-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Artikolu, l-għajnuna lil negozji ġodda tista' tieħu l-forma ta' trasferiment ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) u drittijiet ta' aċċess relatati, minn organizzazzjoni tar-riċerka fejn ikun ġie żviluppat id-DPI sottostanti, jekk it-trasferiment ikun:

(a) lil intrapriża żgħira u innovattiva;

(b) meħtieġ biex prodott jew servizz ġdid jitqiegħed fis-suq; u

(c) l-valur tad-DPI jiġi stabbilit bil-prezz tas-suq, li huwa l-każ jekk ikun ġie stabbilit skont wieħed mill-metodi li ġejjin:

(i) l-ammont ikun ġie stabbilit permezz ta' proċedura ta' bejgħ kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja;

(ii) valwazzjoni indipendenti minn espert tikkonferma li l-ammont huwa tal-anqas ekwivalenti għall-prezz tas-suq;

(iii) l-ammont huwa r-riżultat ta' negozjati distakkati bejn l-organizzazzjoni tar-riċerka u n-negozju ġdid;

(iv) f'każijiet fejn in-negozju ġdid għandu dritt tal-ewwel rifjut fir-rigward tad-DPI ġġenerati f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjoni tar-riċerka, meta l-organizzazzjoni tar-riċerka teżerċita dritt reċiproku li tissolleċita offerti ekonomikament aktar vantaġġużi minn partijiet terzi biex in-negozju ġdid li jkun qed jikkollabora jkollu jżid l-offerta tiegħu skont dan.

L-ammont assolut tal-valur ta' kwalunkwe kontribuzzjoni, kemm finanzjarja kif ukoll mhux finanzjarja, tan-negozju ġdid għall-ispejjeż tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni tar-riċerka li rriżultaw fid-DPI kkonċernati jista' jitnaqqas mill-prezz tas-suq.

Filwaqt li l-valur tal-DPI stabbilit kif deskritt hawn fuq jista' jaqbeż l-EUR 0,8 miljun, l-ammont ta' għajnuna addizzjonali taħt dan il-paragrafu ma jridx jaqbeż l-EUR 0,8 miljun. L-ammont ta' għajnuna addizzjonali jirreferi għall-valur tal-DPI trasferit u stabbilit kif deskritt hawn fuq, inkluż it-tnaqqis imsemmi hawn fuq, li mhuwiex kopert minn fondi proprji u/jew mezzi oħra.";

(15) fl-Artikolu 23(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-miżura ta' għajnuna tista' tieħu l-forma ta' inċentivi fiskali għal investituri privati indipendenti li huma persuni fiżiċi fir-rigward tal-investimenti għall-finanzjament ta' riskju tagħhom magħmula permezz ta' pjattaforma alternattiva għan-negozjar f'impriżi eliġibbli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21a(2) u (5).";

(16) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu:

(a) l-ispejjeż għall-iskrinjar inizjali u għad-diliġenza dovuta formali mwettqa mill-maniġers ta' intermedjarji finanzjarji jew investituri biex jidentifikaw l-impriżi eliġibbli skont l-Artikoli 21, 21a u 22;

(b) l-ispejjeż għar-riċerka dwar l-investiment, kif definiti fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2017/565*, f'impriża eliġibbli individwali skont l-Artikoli 21, 21a u 22, dment li din ir-riċerka tiġi mxerrda pubblikament, u, jekk tkun ġiet mxerrda lill-klijenti tal-fornitur tar-riċerka dwar l-investiment qabel it-tixrid pubbliku, tiġi mxerrda pubblikament fl-istess forma u mhux aktar tard minn 3 xhur wara l-ewwel tixrid lill-klijenti.

3. Ir-riċerka dwar l-investiment imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b) għandha tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565.

---

* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 4 li ġej:

"4. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż 50 % tal-ispejjeż eliġibbli.";

(17) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-ispejjeż ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħrajn, li jinkludu spejjeż ta' materjali, fornimenti u prodotti simili, magħmula direttament bħala riżultat tal-proġett; mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(1), it-tielet sentenza, l-ispejjeż indiretti tal-proġett tar-R&Ż jistgħu jiġu kkalkolati wkoll abbażi ta' approċċ tal-ispejjeż issimplifikati fil-forma ta' rata fissa sa [15 %], applikata għall-ispejjeż totali eliġibbli diretti tal-proġett tar-R&Ż. F'dan il-każ, kemm il-kategoriji ta' spejjeż diretti kif ukoll indiretti għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' prattiki ta' kontabbiltà normali, għandhom jinkludu biss spejjeż eliġibbli tal-proġett tar-R&Ż elenkati hawn fuq fil-punti (a) sa (d), u għandhom ikunu debitament iġġustifikati.";

(b) il-paragrafu 6, il-punt (b), huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) ir-riżultati tal-proġett jixxerrdu sew permezz ta' konferenzi, pubblikazzjoni, repożitorji b'aċċess miftuħ, jew permezz ta' software liberu jew b'sors miftuħ;";

(ii) jiżdied il-punt (iii) li ġej:

"(iii) il-benefiċjarju jimpenja ruħu li jxerred b'mod wiesa' r-riżultati tar-riċerka, inkluż fejn il-benefiċjarju jimpenja ruħu, fuq bażi f'waqtha, li jagħmel disponibbli liċenzji għar-riżultati tar-riċerka ta' proġetti ta' R&Ż megħjuna, li huma protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, bi prezz tas-suq u fuq bażi mhux esklużiva u mhux diskriminatorja għall-użu mill-partijiet interessati fiż-ŻEE.";

(18) jiddaħħal l-Artikolu 26a li ġej:

"Artikolu 26a

L-għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni

1. L-għajnuna għall-kostruzzjoni jew għat-titjib tal-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. Il-prezz mitlub għat-tħaddim jew għall-użu tal-infrastruttura għandu jikkorrispondi għal prezz tas-suq jew jirrifletti l-ispejjeż tagħhom flimkien ma' marġni raġonevoli fin-nuqqas ta' prezz tas-suq.

3. L-aċċess għall-infrastruttura għandu jkun miftuħ għal diversi utenti u jingħata fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja. L-impriżi li jkunu ffinanzjaw mill-inqas 10 % tal-ispejjeż tal-investiment tal-infrastruttura jistgħu jingħataw aċċess preferenzjali taħt kundizzjonijiet aktar favorevoli. Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, tali aċċess għandu jkun proporzjonali għall-kontribuzzjoni tal-impriża għall-ispejjeż tal-investiment u dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

4. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż tal-investiment f'assi intanġibbli u tanġibbli.

5. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż 25 % tal-ispejjeż eliġibbli.";

(19) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-għajnuna għall-investiment għar-raggruppament tal-innovazzjoni jenħtieġ li tingħata esklussivament lill-entità li tippossedi l-faċilitajiet ta' raggruppament. L-għajnuna operatorja għar-raggruppament tal-innovazzjoni għandha tingħata esklussivament lis-sid tal-faċilitajiet sakemm il-faċilitajiet ma jinkrewx, bi ħlas tas-suq, lil entità li topera r-raggruppament u li ġġorr ir-riskju finanzjarju tal-operat tagħha. Fil-każ tal-aħħar, l-għajnuna operatorja għandha tingħata esklussivament lill-entità li topera r-raggruppament tal-innovazzjoni għar-riskju proprju. F'każijiet fejn l-operatur ta' raggruppament ikun ukoll is-sid tar-raggruppament jew ta' utent tar-raggruppament, jew it-tnejn, u f'każijiet fejn l-operatur ta' raggruppament ikun konsorzju ta' atturi mingħajr personalità ġuridika separata, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul tal-attivitajiet bħala operatur ta' raggruppament għandhom jiġu kkunsidrati separatament, abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà tal-ispejjeż applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli, mit-tipi l-oħra kollha ta' attivitajiet tal-istess entità ġuridika.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. It-tariffi mitlubin għall-użu tal-faċilitajiet tar-raggruppament u għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tar-raggruppament għandhom jikkorrispondu għall-prezz tas-suq jew jirriflettu l-ispejjeż tagħhom inkluż marġni raġonevoli.";

(20) fl-Artikolu 28(2), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) l-ispejjeż għas-servizzi ta’ konsulenza u ta’ appoġġ għall-innovazzjoni, inklużi dawk is-servizzi pprovduti mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-tixrid tal-għarfien, l-infrastrutturi tar-riċerka, l-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni jew ir-raggruppamenti tal-innovazzjoni.”;

(21) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura u l-paragrafu 1 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“*Artikolu 36*

Għajnuna għall-investiment għall-protezzjoni ambjentali, inkluż il-protezzjoni tal-klima

1. L-għajnuna għall-investiment għall-protezzjoni ambjentali, inkluż il-protezzjoni tal-klima għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu u f’Kapitolu I jiġu ssodisfati.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal miżuri li għalihom huma stabbiliti regoli aktar speċifiċi fl-Artikoli 36a, 36b u 38 sa 48. Dan l-Artikolu ma għandux japplika lanqas għal investimenti f’tagħmir, f’makkinarju u fil-produzzjoni industrijali bl-użu ta’ fjuwils fossili, ħlief dawk li jużaw il-gass naturali. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-investimenti fit-tagħmir, fil-makkinarju u fil-produzzjoni industrijali bl-użu tal-idroġenu sal-punt li l-idroġenu użat jikkwalifika bħala idroġenu rinnovabbli jew idroġenu b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju. F’każ bħal dan, l-Istat Membru għandu jiżgura li r-rekwiżit li jintuża l-idroġenu rinnovabbli [jew l-idroġenu b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju] jiġi ssodisfat matul il-ħajja ekonomika tal-investiment.”;

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(a) għandu jippermetti lill-benefiċjarju jew lil entità oħra biex jgħollu l-livell ta’ protezzjoni ambjentali li tirriżulta mill-attivitajiet tagħhom billi jmorru lil hinn mill-istandards applikabbli tal-Unjoni, irrispettivament mill-preżenza ta’ standards nazzjonali obbligatorji li jkunu aktar stretti mill-istandards tal-Unjoni; jew

(b) għandu jippermetti lill-benefiċjarju jew lil entità oħra biex jgħollu l-livell ta’ protezzjoni ambjentali li tirriżulta mill-attivitajiet tagħhom fin-nuqqas ta’ standards tal-Unjoni; jew”;

(ii) jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) għandu jippermetti lill-benefiċjarju jew lil entità oħra biex jgħollu l-livell ta’ protezzjoni ambjentali li tirriżulta mill-attivitajiet tagħhom biex jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li għadhom ma humiex fis-seħħ.”;

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

“2a. L-investimenti fil-qbid, użu u ħżin tal-karbonju (“CCUS”) għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-qbid, it-trasport u l-użu jew il-ħżin tas-CO_2, inklużi elementi individwali tal-katina tas-CCUS, għandhom jiġu integrati f’katina sħiħa tas-CCS, tas-CCU jew tas-CCUS;

(b) il-valur preżenti nett (“VPN”) tal-proġett ta’ investiment matul il-ħajja ekonomika tiegħu għandu jkun negattiv. Għall-fini tal-kalkolu tal-VPN tal-proġett, għandhom jitqiesu l-ispejjeż evitati tal-emissjonijiet tas-CO_2;

(c) l-ispejjeż tal-investiment ma għandhomx ikunu relatati mal-installazzjoni li tarmi s-CO_2 (installazzjoni industrijali jew impjant tal-enerġija), iżda biss mal-proġett tas-CCUS.

2b. Meta l-għajnuna jkollha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet diretti, b'mod partikolari l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, dak it-tnaqqis ma għandux jiġi kkumpensat minn żidiet fl-emissjonijiet indiretti li jirriżultaw mill-istess investiment.";

(e) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-għajnuna ma għandhiex tingħata meta jsiru investimenti biex jiġi żgurat li l-impriżi sempliċiment jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni fis-seħħ. Għajnuna li tħeġġeġ lill-impriżi jikkonformaw ma' standards ġodda tal-Unjoni li għadhom ma humiex fis-seħħ, li jżidu l-livell ta' protezzjoni ambjentali, jistgħu jingħataw skont dan l-Artikolu dment li l-istandard tal-Unjoni jkun ġie adottat u l-investiment li għalih tingħata l-għajnuna jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandard ikkonċernat.";

(f) il-paragrafu 4 jitħassar;

(g) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż ta' investiment ambjentali addizzjonali ddeterminati billi jitqabblu l-ispejjeż tal-investiment ma' dawk ta' investiment kontrofattwali li jsir fin-nuqqas tal-għajnuna, kif ġej:

(a) meta l-kontrofattwali jikkonsisti f'investiment inqas ekoloġiku li jikkorrispondi għall-prattika kummerċjali normali fis-settur jew għall-attività kkonċernata, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-ispejjeż tal-investiment kontrofattwali;

(b) meta l-kontrofattwali jikkonsisti fl-istess investiment li jkun qed isir aktar tard, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-VPN tal-ispejjeż tal-investiment kontrofattwali, skontati sal-mument meta jsir l-investiment megħjun;

(c) meta l-kontrofattwali jirriżulta fiż-żamma tal-installazzjonijiet u tat-tagħmir eżistenti fl-operat, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-VPN tal-ispejjeż ta' manutenzjoni, tiswija u modernizzazzjoni tal-investiment kontrofattwali, skontati sal-mument meta jsir l-investiment megħjun;

(d) fil-każ ta' tagħmir soġġett għal ftehimiet ta' lokazzjoni, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza fil-VPN bejn il-lokazzjoni ta' dak it-tagħmir u l-lokazzjoni tat-tagħmir li jintuża fin-nuqqas tal-għajnuna; l-ispejjeż tal-lokazzjoni ma għandhomx jinkludu spejjeż relatati mal-operat tat-tagħmir jew tal-installazzjoni (spejjeż tal-fjuwil, assigurazzjoni, manutenzjoni, oġġetti konsumabbli oħra), irrispettivament minn jekk humiex parti mill-kuntratt ta' lokazzjoni;

Fis-sitwazzjonijiet kollha elenkati taħt (a) sa (d), il-kontrofattwali għandu jikkorrispondi għal investiment b'kapaċità ta' produzzjoni komparabbli u ħajja ekonomika li tikkonforma mal-istandards applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-kontrofattwali għandu jkun kredibbli fid-dawl tar-rekwiżiti legali, tal-kundizzjonijiet tas-suq u tal-inċentivi ġġenerati mis-sistema tal-EU ETS.

Meta l-investiment jikkonsisti f'investiment supplimentari ma' faċilità diġà eżistenti, li għaliha ma hemm l-ebda investiment kontrofattwali inqas ekoloġiku, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż totali relatati mal-protezzjoni ambjentali.

L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ddedikata u faċilitajiet ta' ħżin għall-idroġenu rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u għas-sħana mormija li huma meħtieġa biex jippermettu ż-żieda fil-livell ta' protezzjoni ambjentali kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 2a. L-ispejjeż li ma humiex marbuta direttament mal-kisba ta' livell ogħla ta' ħarsien ambjentali ma għandhomx ikunu eliġibbli.";

(h) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż 40 % tal-ispejjeż eliġibbli."; Meta l-investiment jirriżulta f'emissjonijiet diretti żero, l-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq il-50 %.";

(i) jiddaħħlu l-paragrafi 6a u 6b li ġejjin:

"6a. Fil-każ ta' investimenti relatati mas-CCUS, l-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż l-20 %.

6b. L-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq 100 % tal-ispejjeż eliġibbli meta l-għajnuna tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (38), li jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) l-għoti tal-għajnuna għandu jkun ibbażat fuq kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji;

(b) il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu bbażati primarjament fuq l-offerta sottomessa jew fuq il-prezz tal-ikklerjar;

(c) il-kriterji tal-għażla jistgħu jkunu relatati wkoll ma' aspetti oħra, b'mod partikolari aspetti ambjentali, teknoloġiċi, ġeografiċi jew soċjali, dment li dawn ikunu marbuta mal-objettiv tal-miżura. [L-offerta sottomessa jew il-prezz tal-ikklerjar ma għandhomx jammontaw għal inqas minn 75 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji tal-għażla.]";

(22) l-Artikolu 36a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 36a

Għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil

1. L-għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil għall-provvista ta' enerġija għal skopijiet ta' trasport lil vetturi nodfa jew vetturi b'emissjonijiet żero għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu sodisfatti.

2. Dan l-Artikolu għandu jkopri biss l-għajnuna mogħtija għall-infrastrutturi tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil li jfornu vetturi bl-elettriku jew b'idroġenu rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għal skopijiet ta' trasport. L-Istat Membru għandu jiżgura li jkun hemm konformità mar-rekwiżit għall-provvista tal-idroġenu rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju matul il-ħajja ekonomika tal-infrastruttura. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tingħata għajnuna għall-investimenti relatati mal-infrastruttura tal-fjuwil alternattiv bħala parti mill-infrastruttura tal-port skont l-Artikoli 56b u 56c.

3. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni, it-titjib jew l-estensjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil. Dawk l-ispejjeż jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil

innifisha, l-installazzjoni jew it-titjib ta’ komponenti elettriċi jew oħrajn, inklużi kejbils tal-elettriku u transformers tal-potenza, li huma meħtieġa għall-konnessjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil mal-grilja jew ma’ unità lokali tal-produzzjoni jew tal-ħżin tal-elettriku jew tal-idroġenu, kif ukoll tagħmir tekniku relatat, xogħlijiet tal-inġinerija ċivili, adattamenti tal-art jew tat-toroq, spejjeż tal-installazzjoni u spejjeż għall-kisba ta’ permessi relatati.

L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż ta’ investiment tal-produzzjoni integrata fuq il-post tal-elettriku rinnovabbli jew l-ispejjeż ta’ investiment tal-unitajiet ta’ ħżin għall-ħżin tal-elettriku rinnovabbli jew tal-idroġenu rinnovabbli jew b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju. Il-kapaċità massima tal-unità integrata tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-post ma għandhiex taqbeż l-output nominali massimu tal-infrastruttura tal-irriċarġjar li magħha tkun konnessa.

4. L-għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tingħata fi proċess kompetittiv ta’ offerti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (38) li jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) l-għoti tal-għajnuna għandu jkun ibbażat fuq kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji;

(b) il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu bbażati primarjament fuq l-offerta sottomessa jew fuq il-prezz tal-ikklerjar;

(c) il-kriterji tal-għażla jistgħu jkunu relatati wkoll ma’ aspetti oħra, b’mod partikolari aspetti ambjentali, teknoloġiċi, ġeografiċi jew soċjali, dment li dawn ikunu marbuta mal-objettiv tal-miżura. L-offerta sottomessa jew il-prezz tal-ikklerjar ma għandhomx jammontaw għal inqas minn 75 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji tal-għażla.

5. L-intensità tal-għajnuna tista’ tilħaq sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

6. L-għajnuna mogħtija lil kwalunkwe benefiċjarju wieħed ma għandhiex taqbeż l-40 % tal-baġit totali tal-iskema kkonċernata.

7. Meta l-infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid jew tar-riforniment tal-fjuwil tkun miftuħa għall-aċċess minn utenti għajr il-benefiċjarju jew il-benefiċjarji tal-għajnuna, l-għajnuna għandha tingħata biss għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-aġġornament jew l-estensjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil aċċessibbli għall-pubbliku u li tipprovdi aċċess mhux diskriminatorju għall-utenti, inkluż fir-rigward tat-tariffi, l-awtentikazzjoni u l-metodi ta’ pagament u termini u kundizzjonijiet oħra tal-użu. It-tariffi imposti fuq l-utenti għajr il-benefiċjarju jew il-benefiċjarji tal-għajnuna għall-użu tal-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil għandhom jikkorrispondu mal-prezzijiet tas-suq.

8. Il-ħtieġa ta’ għajnuna biex jiġi inċentivat l-iskjerament ta’ infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil tal-istess kategorija għandha tiġi stabbilita permezz ta’ konsultazzjoni pubblika miftuħa *ex ante* jew studju tas-suq indipendenti. B’mod partikolari, għandu jiġi stabbilit li l-ebda infrastruttura bħal din mhi x’aktarx li se tiġi skjerata fuq termini kummerċjali fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tal-miżura ta’ għajnuna.

L-obbligu li titwettaq konsultazzjoni pubblika miftuħa *ex ante* jew studju tas-suq indipendenti stabbilit fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal għajnuna għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-aġġornament jew l-estensjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil li ma hijiex aċċessibbli għall-pubbliku.

9. B’deroga mill-paragrafu 8, il-ħtieġa ta’ għajnuna għall-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil għall-vetturi tat-triq għandha tiġi preżunta meta l-vetturi mħaddma

b'mod esklussiv bl-elettriku (għall-infrastrutturi tal-irriċarġjar) jew il-vetturi mħaddma tal-inqas parzjalment bl-idroġenu (għall-infrastrutturi tar-riforniment tal-fjuwil) jirrappreżentaw rispettivament inqas minn 2 % tal-għadd totali ta' vetturi tal-istess kategorija rreġistrati fl-Istat Membru kkonċernat. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief għandhom jitqiesu bħala parti mill-istess kategorija ta' vetturi.

10. Kwalunkwe konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex topera l-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment ta' fjuwil għandha tiġi assenjata fuq bażi kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja, filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-regoli applikabbli dwar l-akkwist.";

(23) jiddaħħal l-Artikolu 36b li ġej:

"*Artikolu 36b*

Għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi nodfa jew vetturi mingħajr emissjonijiet u għall-modifika retroattiva ta' vetturi

1. L-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi nodfa jew vetturi b'emissjonijiet żero u għall-modifika retroattiva ta' vetturi biex jikkwalifikaw bħala vetturi nodfa jew bħala vetturi b'emissjonijiet żero għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna għandha tingħata għax-xiri jew għal-lokazzjoni ta' mill-inqas 12-il xahar ta' vetturi nodfa jew ta' vetturi b'emissjonijiet żero għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, fl-ilmijiet navigabbli interni u marittimu li jaħdmu tal-inqas parzjalment bl-elettriku jew bl-idroġenu u għall-modifika retroattiva ta' vetturi biex ikunu jistgħu jikkwalifikaw bħala vetturi nodfa jew vetturi b'emissjonijiet żero.

3. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) għall-investimenti li jikkonsistu fix-xiri ta' vetturi nodfa jew ta' vetturi b'emissjonijiet żero, l-ispejjeż ta' investiment addizzjonali għax-xiri tal-vettura nadifa jew tal-vettura b'emissjonijiet żero għandhom ikunu spejjeż eliġibbli. Dawk għandhom jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment għax-xiri tal-vettura nadifa jew tal-vettura b'emissjonijiet żero u l-ispejjeż tal-investiment għax-xiri ta' vettura tal-istess kategorija li tikkonforma mal-istandards tal-Unjoni u li kieku kienet tiġi akkwistata mingħajr l-għajnuna;

(b) għal investimenti li jikkonsistu fil-lokazzjoni ta' vetturi nodfa jew vetturi b'emissjonijiet żero, l-ispejjeż żejda tal-lokazzjoni tal-vettura nadifa jew tal-vettura b'emissjonijiet żero għandhom ikunu spejjeż eliġibbli. Dawk għandhom jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn il-VPN tal-lokazzjoni tal-vettura nadifa jew tal-vettura b'emissjonijiet żero u l-VPN tal-lokazzjoni ta' vettura tal-istess kategorija li tikkonforma mal-istandards tal-Unjoni u li kieku kienet tiġi mikrija mingħajr l-għajnuna. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli, l-ispejjeż operatorji marbuta mat-tħaddim tal-vettura, inklużi l-ispejjeż tal-enerġija, l-ispejjeż tal-assigurazzjoni u l-ispejjeż tal-manutenzjoni, ma għandhomx jitqiesu, irrispettivament minn jekk humiex inklużi fl-ispejjeż tal-lokazzjoni;

(c) għall-investimenti li jikkonsistu fil-modifika retroattiva ta' vetturi li permezz tagħha jkunu jistgħu jikkwalifikaw bħala vetturi nodfa jew vetturi b'emissjonijiet żero, l-ispejjeż tal-modifika retroattiva għandhom ikunu spejjeż eliġibbli.

4. L-għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (38), li jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) l-għoti tal-għajnuna għandu jkun ibbażat fuq kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji;

(b) il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu bbażati primarjament fuq l-offerta sottomessa jew fuq il-prezz tal-ikklerjar;

(c) il-kriterji tal-għażla jistgħu jkunu relatati wkoll ma' aspetti oħra, b'mod partikolari aspetti ambjentali, teknoloġiċi, ġeografiċi jew soċjali, dment li dawn ikunu marbuta mal-objettiv tal-miżura. L-offerta sottomessa jew il-prezz tal-ikklerjar ma għandhomx jammontaw għal inqas minn 75 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji tal-għażla.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-għajnuna skont dan l-Artikolu li tingħata lil impriża li tkun ingħatat kuntratt ta' servizz pubbliku f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* tista' tingħata barra minn proċess kompetittiv ta' offerti.

6. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż:

(a) 100 % tal-ispejjeż eliġibbli għax-xiri jew għal-lokazzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew għall-modifika retroattiva ta' vetturi biex ikunu jistgħu jikkwalifikaw bħala vetturi b'emissjonijiet żero;

(b) 60 % tal-ispejjeż eliġibbli għax-xiri jew għal-lokazzjoni ta' vetturi nodfa, jew għall-modifika retroattiva ta' vetturi biex ikunu jistgħu jikkwalifikaw bħala vetturi nodfa.

7. L-għajnuna ma għandhiex tingħata għal-lokazzjoni ta' vetturi nodfa jew ta' vetturi b'emissjonijiet żero jekk l-impriża li mingħandha jinkrew il-vetturi jkunu bbenefikaw minn għajnuna għax-xiri tal-vetturi nodfa mikrija jew tal-vetturi b'emissjonijiet żero.

*** Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).";

(24) l-Artikolu 37 huwa mħassar.

(25) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-għajnuna ma għandhiex tingħata skont dan l-Artikolu għal kwalunkwe investiment imwettaq biex jiżgura li l-impriżi jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li diġà ġew adottati, anki jekk għadhom ma humiex fis-seħħ.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

"2a. B'deroga mill-paragrafu 2, tista' tingħata għajnuna skont dan l-Artikolu għal titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-bini għall-finijiet ta' konformità mal-istandards tal-Unjoni li ġew adottati iżda li għadhom ma humiex fis-seħħ, dment li l-investiment jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma jidħol fis-seħħ l-istandard.

2b. Dan l-Artikolu ma jkoprix għajnuna għall-koġenerazzjoni u għajnuna għat-tisħin jew għat-tkessiħ distrettwali.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż addizzjonali tal-investiment meħtieġa biex jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija. Dawn għandhom jiġu ddeterminati kif ġej, billi jitqabblu l-ispejjeż tal-investiment ma' dawk tal-investiment kontrofattwali li jsir fin-nuqqas tal-għajnuna:

(a) fejn il-kontrofattwali jikkonsisti f'investiment inqas effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jikkorrispondi għall-prattika kummerċjali normali fis-settur jew għall-attività kkonċernata, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-ispejjeż tal-investiment kontrofattwali.

(b) meta l-kontrofattwali jikkonsisti fl-istess investiment li jkun qed isir aktar tard, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-VPN tal-ispejjeż tal-investiment kontrofattwali, skontati sal-mument meta jsir l-investiment megħjun;

(c) fejn il-kontrofattwali jirriżulta fiż-żamma tal-installazzjonijiet u tat-tagħmir eżistenti fl-operat, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-VPN tal-ispejjeż ta' manutenzjoni, tiswija u modernizzazzjoni tal-investiment kontrofattwali, skontati fil-mument meta jsir l-investiment megħjun;

(d) Fil-każ ta' tagħmir soġġett għal ftehimiet ta' lokazzjoni, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonsistu fid-differenza fil-VPN bejn il-lokazzjoni ta' dak it-tagħmir u l-lokazzjoni tat-tagħmir li kieku jintuża fin-nuqqas ta' għajnuna; l-ispejjeż tal-lokazzjoni ma għandhomx jinkludu spejjeż relatati mal-operat tat-tagħmir jew tal-installazzjoni (spejjeż tal-fjuwil, assigurazzjoni, manutenzjoni, oġġetti konsumabbli oħra), irrispettivament minn jekk humiex parti mill-kuntratt ta' lokazzjoni;

(e) Fis-sitwazzjonijiet kollha elenkati taħt (a) sa (d), il-kontrofattwali għandu jikkorrispondi għal investiment bl-istess kapaċità ta' produzzjoni u ħajja ekonomika li jikkonformaw mal-istandards applikabbli tal-Unjoni. Il-kontrofattwali għandu jkun kredibbli fid-dawl tar-rekwiżiti legali, tal-kundizzjonijiet tas-suq u tal-inċentivi ġġenerati mis-sistema tal-EU ETS.

(f) Meta l-investiment ikun jikkonsisti f'investiment identifikabbli b'mod ċar immirat biss lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika fil-bini, li għalih ma jkun hemm l-ebda investiment kontrofattwali inqas ekoloġiku, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż totali relatati mal-ħarsien ambjentali.";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 3a sa 3d li ġejjin:

"3a. Dment li l-għajnuna twassal għal tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel l-investiment fir-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti u l-iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 10 % meta mqabbel mal-limitu stabbilit għar-rekwiżiti tal-bini b'użu ta' kważi żero enerġija f'miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2010/31/UE fil-każ ta' bini ġdid, l-ispejjeż kollha tal-investiment meħtieġ biex jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika għandhom jikkostitwixxu l-ispejjeż eliġibbli, meta l-investiment ikun relatat mat-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) bini residenzjali;

(ii) bini ddedikat għall-provvista ta' servizzi edukattivi jew soċjali;

(iii) bini ddedikat għal attivitajiet relatati mal-amministrazzjoni pubblika jew mas-servizzi tal-ġustizzja, tal-infurzar tal-liġi jew tat-tifi tan-nar u tal-protezzjoni ċivili;

(iv) bini msemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) u li fih attivitajiet minbarra dawk imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iii) ma jokkupawx aktar minn 50 % tal-erja interna tal-art.

3b. Għall-bini msemmi fil-paragrafu 3a, l-għajnuna mogħtija għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tiġi kkombinata ma' għajnuna għal kwalunkwe waħda minn dawn il-miżuri li ġejjin jew kollha:

(a) l-installazzjoni ta' installazzjonijiet integrati tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post li jiġġeneraw l-elettriku, is-sħana jew il-kesħa;

(b) l-installazzjoni ta' tagħmir għall-ħżin tal-enerġija ġġenerata mill-installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post;

(c) il-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' infrastruttura għall-irriċarġjar għall-użu mill-utenti tal-bini, u infrastruttura relatata, bħall-kanali, fejn il-faċilitajiet tal-parkeġġ ikunu jinsabu jew fil-bini jew ikunu fiżikament maġenb il-bini;

(d) l-installazzjoni ta' tagħmir għad-diġitalizzazzjoni tal-bini, b'mod partikolari biex tiżdied il-prontezza intelliġenti tiegħu, inklużi wajers passivi interni jew kejbils strutturati għan-networks tad-*data* u l-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà li għaliha jappartjeni l-bini iżda esklużi l-wajers jew il-kejbils għan-networks tad-*data* barra mill-proprjetà;

(e) investimenti fi bjut ħodor u f'tagħmir għall-irkupru tal-ilma tax-xita.

Fil-każ ta' kwalunkwe xogħol ikkombinat bħal dan kif stabbilit fil-punti (a) sa (e), l-ispiża kollha tal-investiment tad-diversi stallazzjonijiet u tagħmir għandha tikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbli. L-ispejjeż mhux direttament marbuta mal-kisba ta' livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika ma għandhomx ikunu eliġibbli.

3c. L-għajnuna tista' tingħata jew lis-sid(ien) tal-bini jew lill-inkwilin(i), skont min qed jikkummissjona x-xogħlijiet tal-effiċjenza enerġetika.

3d. Tista' tingħata wkoll għajnuna għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tat-tisħin jew tat-tkessiħ fil-bini. L-għajnuna għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija li jaħdem biż-żejt, li jaħdem bil-faħam jew li jaħdem bil-gass ma għandhiex tiġi eżentata skont dan l-Artikolu mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Tista' tingħata għajnuna għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija li jaħdem bil-gass li jkun aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija dment li dan jissostitwixxi tagħmir tal-enerġija li jaħdem biż-żejt jew li jaħdem bil-faħam u li jiġi żgurat li t-tagħmir tal-enerġija li jaħdem bil-gass jiġi sostitwit b'tagħmir li juża fjuwils rinnovabbli sa mhux aktar tard mill-2050.";

(e) jiddaħħlu l-paragrafi 6a u 7 li ġejjin:

"6a. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għall-għajnuna mogħtija biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini msemmi fil-paragrafu 3a, fejn it-titjib fl-effiċjenza enerġetika jwassal għal tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 40 % fil-każ ta' rinnovazzjoni ta' bini eżistenti.

7. L-għajnuna għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tkun relatata wkoll mal-faċilitazzjoni tal-kuntratti tal-prestazzjoni tal-enerġija suġġetti għall-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-appoġġ jieħu l-forma ta' self jew garanzija lill-fornitur tal-miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika skont kuntratt għall-prestazzjoni tal-enerġija, jew jikkonsisti fi prodott finanzjarju mmirat biex jiffinanzja mill-ġdid il-fornitur rispettiv (pereżempju l-fatturament jew il-forfaiting);

(b) l-ammont nominali tal-finanzjament pendenti totali pprovdut skont dan il-paragrafu għal kull benefiċjarju ma jaqbiżx EUR 30 miljun;

(c) l-appoġġ huwa pprovdut lil SMEs jew lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li huma fornituri ta' miżuri għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija;

(d) l-appoġġ huwa pprovdut għall-faċilitazzjoni tal-ikkuntrattar tar-rendiment tal-enerġija skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (27) tad-Direttiva 2012/27/UE;

(e) l-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija għandu x'jaqsam ma' bini msemmi fil-paragrafu 3a.";

(26) l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2, 2a u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Eliġibbli għall-għajnuna skont dan l-Artikolu huma investimenti li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bini.

2a. Meta l-investiment ikun relatat mat-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' (i) bini residenzjali, (ii) bini ddedikat għall-provvista ta' servizzi edukattivi jew soċjali, (iii) bini ddedikat għall-amministrazzjoni pubblika jew għall-ġustizzja, għall-pulizija jew għas-servizzi tat-tifi tan-nar, jew (iv) bini msemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) u li fihom attivitajiet minbarra dawk imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iii) jokkupaw mhux aktar minn 50 % tal-erja tal-art, l-għajnuna mogħtija għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tiġi kkombinata ma' għajnuna għal kwalunkwe waħda mill-miżuri li ġejjin jew għal kollha:

(a) l-installazzjoni ta' installazzjonijiet integrati tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post li jiġġeneraw l-elettriku, is-sħana jew il-kesħa;

(b) l-installazzjoni ta' tagħmir għall-ħżin tal-enerġija ġġenerata mill-installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post;

(c) il-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' infrastruttura għall-irriċarġjar għall-użu mill-utenti tal-bini, u infrastruttura relatata, bħall-kanali, fejn il-faċilitajiet tal-parkeġġ ikunu jinsabu jew fil-bini jew ikunu fiżikament maġenb il-bini;

(d) l-installazzjoni ta' tagħmir għad-diġitalizzazzjoni tal-bini, b'mod partikolari biex jiżdied il-potenzjal ta' intelliġenza tiegħu. L-investimenti eliġibbli jistgħu jinkludu interventi limitati għal wajers passivi interni jew kejbils strutturati għan-networks tad-*data* u, jekk ikun meħtieġ, il-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà li jappartjeni għaliha l-bini. Il-wajers jew il-kejbils għan-networks tad-*data* barra mill-proprjetà huma esklużi;

(e) investimenti f'soqfa ħodor u f'tagħmir għall-irkupru tal-ilma tax-xita.

3. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż totali tal-proġett tal-effiċjenza enerġetika, ħlief għall-bini msemmi fil-paragrafu 2a, fejn l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż totali tal-proġett tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll l-ispiża tal-investiment tad-diversi biċċiet ta' tagħmir elenkati fil-paragrafu 2a.";

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel u t-tieni sentenza huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. Il-fond għall-effiċjenza enerġetika jew intermedjarju finanzjarju ieħor għandu jagħti self jew garanziji lill-proġetti eliġibbli għall-effiċjenza enerġetika. Il-valur nominali tas-self jew l-ammont garantit ma għandux jaqbeż EUR 20 miljun għal kull proġett fil-livell tal-benefiċjarji finali, ħlief fil-każ ta' investimenti kombinati msemmija fil-paragrafu 2a, fejn ma għandux jaqbeż EUR 30 miljun.";

(c) fil-paragrafu 8, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) Il-fond għall-effiċjenza enerġetika jew l-intermedjarju finanzjarju għandhom jiġu stabbiliti f’konformità mal-liġijiet applikabbli u l-Istat Membru għandu jiżgura proċess ta’ diliġenza dovuta sabiex jivverifika li se tiġi applikata strateġija ta’ investiment kummerċjalment soda għall-finijiet ta’ implimentazzjoni tal-miżura ta’ għajnuna għall-effiċjenza enerġetika.”;

(d) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“10. L-għajnuna ma għandhiex tingħata skont dan l-Artikolu għal investimenti mwettqa biex jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li ġew adottati u li huma fis-seħħ. L-għajnuna tista’ tingħata skont dan l-Artikolu għal investimenti mwettqa biex jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li ġew adottati iżda li għadhom ma humiex fis-seħħ, dment li l-investiment jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma jidħol fis-seħħ l-istandard.”;

(e) jiżdied il-paragrafu 11 li ġej:

“11. Tista’ tingħata wkoll għajnuna għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tat-tisħin jew tat-tkessiħ fil-bini. L-għajnuna għall-installazzjoni ta’ tagħmir tal-enerġija li jaħdem biż-żejt, li jaħdem bil-faħam jew li jaħdem bil-gass ma għandhiex tiġi eżentata skont dan l-Artikolu mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Tista’ tingħata għajnuna għall-installazzjoni ta’ tagħmir tal-enerġija li jaħdem bil-gass li jkun aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija dment li dan jissostitwixxi tagħmir tat-tisħin li jaħdem biż-żejt jew bil-faħam u li jiġi żgurat li t-tagħmir tal-enerġija li jaħdem bil-gass jiġi sostitwit b’tagħmir li juża fjuwils rinnovabbli sa mhux aktar tard mill-2050.”;

(27) l-Artikolu 40 huwa mħassar;

(28) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu u l-paragrafu 1 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“*Artikolu 41*

Għajnuna għall-investiment għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, idroġenu rinnovabbli u koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja

1. L-għajnuna għall-investiment għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, idroġenu rinnovabbli u koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. L-għajnuna għall-investiment għal proġetti ta’ ħżin skont dan l-Artikolu għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss sal-punt li tingħata abbażi ta’ skema miftuħa għal proġetti kkombinati ta’ enerġija rinnovabbli u ħżin (wara l-meter), fejn iż-żewġ elementi jiġu installati u jibdew joperaw fl-istess ħin. L-investiment fil-ħżin għandu jkollu bħala massimu l-istess kapaċità bħall-investiment rinnovabbli konness. L-għajnuna għall-ħżin konnessa ma’ installazzjoni rinnovabbli eżistenti (wara l-meter) tista’ tkun koperta wkoll mill-istess skema, fejn l-investiment għall-ħżin jissodisfa l-istess kundizzjonijiet u l-proġetti kollha ta’ investiment (sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u ħżin) jitqiesu bħala proġett integrat għall-verifika tal-konformità mal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4.”;

(c) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“2. L-għajnuna għall-investiment għall-produzzjoni ta’ bijofjuwils, bijolikwidi, bijogass u fjuwils tal-bijomassa għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-

Trattat biss sal-punt li l-fjuwils megħjuna jkunu konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u tal-atti ta' implimentazzjoni jew delegati tagħha u jsiru mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva.

3. L-għajnuna għall-investiment għall-produzzjoni tal-idroġenu għandha tiġi eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss għal installazzjonijiet li jipproduċu idroġenu esklussivament rinnovabbli. Għall-proġetti tal-idroġenu rinnovabbli li jikkonsistu f'elettrolizzatur u unità tal-ġenerazzjoni rinnovabbli waħda jew aktar wara punt ta' konnessjoni tal-grilja wieħed, il-kapaċità tal-elettrolizzatur ma għandhiex taqbeż il-kapaċità kkombinata tal-unitajiet tal-ġenerazzjoni rinnovabbli. L-għajnuna għall-investiment tista' tkopri infrastruttura ddedikata għat-trażmissjoni jew għad-distribuzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin għall-idroġenu rinnovabbli.

4. L-għajnuna għall-investiment għal unitajiet ta' koġenerazzjoni ġodda jew rinnovati b'effiċjenza għolja għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss sal-punt li tipprovdi ffrankar tal-enerġija primarja ġenerali meta mqabbel mal-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku kif previst mid-Direttiva 2012/27/UE jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussegwenti li tissostitwixxi dan l-att bis-sħiħ jew parzjalment.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. L-għajnuna għall-investiment għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għandha tiġi eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss jekk ma tkunx għall-installazzjonijiet ta' koġenerazzjoni mħaddma bil-fjuwils fossili, bl-eċċezzjoni tal-gass naturali fejn tiġi żgurata l-konformità mal-miri klimatiċi tal-2030 u tal-2050.";

(e) il-paragrafi 5, 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. L-għajnuna għall-investiment għandha tingħata fir-rigward tal-kapaċitajiet li jkunu għadhom kif ġew installati jew rinnovati. L-ammont tal-għajnuna għandu jkun indipendenti mill-output.

6. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż totali tal-investiment.

7. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż:

(a) 30 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, idroġenu rinnovabbli u koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

(b) 15 % tal-ispejjeż eliġibbli għal proġetti li jinvolvu l-ħżin tal-elettriku.";

(f) il-paragrafi 9 u 10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"9. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għal investimenti li jużaw biss sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluża l-koġenerazzjoni ekoloġika.

10. Meta l-għajnuna tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti, mhux diskriminatorji u oġġettivi, definiti *ex ante* f'konformità mal-objettiv tal-miżura u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi, l-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq 100 % tal-ispejjeż eliġibbli. Dawk il-kriterji għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas sitt ġimgħat qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, sabiex tkun tista' ssir kompetizzjoni effettiva. Il-proċess kompetittiv ta' offerti għandu jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(i) il-baġit jew il-volum relatat mal-proċess tal-offerti għandu jkun restrizzjoni vinkolanti fis-sens li jista' jkun mistenni li mhux l-offerenti kollha jirċievu għajnuna;

(ii) l-għadd mistenni ta' offerenti għandu jkun biżżejjed biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva;

(iii) it-tfassil ta' proċessi ta' offerti mhux sottoskritti biżżejjed matul l-implimentazzjoni ta' skema għandu jiġi kkoreġut biex tiġi restawrata l-kompetizzjoni effettiva fil-proċessi ta' offerti sussegwenti jew mill-aktar fis possibbli;

(iv) aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess tal-offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-raġunament) għandhom jiġu evitati peress li jistgħu jimminaw l-effiċjenza tal-eżitu tal-proċess.";

(29) l-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-għajnuna għandha tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti, mhux diskriminatorji u oġġettivi, definiti *ex ante* f'konformità mal-objettiv tal-miżura u minimizzazzjoni tar-riskju ta' offerti strateġiċi. Dawk il-kriterji għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas sitt ġimgħat qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, sabiex tkun tista' ssir kompetizzjoni effettiva. Il-proċess kompetittiv ta' offerti għandu jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(i) il-baġit jew il-volum relatat mal-proċess tal-offerti għandu jkun restrizzjoni vinkolanti fis-sens li jista' jkun mistenni li mhux l-offerenti kollha jirċievu għajnuna;

(ii) l-għadd mistenni ta' offerenti għandu jkun biżżejjed biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva;

(iii) it-tfassil ta' proċessi ta' offerti mhux sottoskritti biżżejjed matul l-implimentazzjoni ta' skema għandu jiġi kkoreġut biex tiġi restawrata l-kompetizzjoni effettiva fil-proċessi ta' offerti sussegwenti jew mill-aktar fis possibbli;

(iv) aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess tal-offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-raġunament) għandhom jiġu evitati peress li jistgħu jimminaw l-effiċjenza tal-eżitu tal-proċess.

Il-proċess ta' offerti għandu jkun miftuħ għall-ġeneraturi kollha li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq bażi mhux diskriminatorja.";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-għajnuna ma għandhiex titħallas għal kwalunkwe perjodu meta l-prezzijiet huma negattivi. Sabiex jiġi evitat id-dubju, dan japplika mill-mument meta l-prezzijiet isiru negattivi.";

(c) il-paragrafi 8, 9 u 10 huma mħassra;

(d) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. L-għajnuna għandha tingħata biss sakemm l-impjant li jiġġenera l-elettriku minn sorsi rinnovabbli jkun ġie totalment żvalutat f'konformità mal-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati. Kull għajnuna għall-investiment li tkun ġiet riċevuta għandha titnaqqas mill-għajnuna operatorja.";

(30) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu u l-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 43*

Għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u idroġenu rinnovabbli f'installazzjonijiet fuq skala żgħira u għall-promozzjoni ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli

1. L-għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u idroġenu rinnovabbli f'installazzjonijiet fuq skala żgħira għall-promozzjoni ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna operatorja għal installazzjonijiet fuq skala żgħira għandha tiġi eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss sal-limiti tad-daqs li ġejjin:

(a) għal proġetti ta' ġenerazzjoni jew ħżin tal-elettriku: proġetti taħt il-limitu applikabbli stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/943;

(b) għat-teknoloġiji tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-produzzjoni tal-gass rinnovabbli: proġetti b'kapaċità installata ta' anqas minn 400 kW.

Bl-iskop li jiġu kkalkulati dawk il-kapaċitajiet massimi, l-installazzjonijiet fuq skala żgħira b'punt ta' konnessjoni komuni mal-grilja tal-elettriku għandhom jitqiesu bħala installazzjoni waħda.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

"2a. L-għajnuna lill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss għal proġetti b'kapaċità installata ta' anqas minn 1 MW imwettqa minn entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' komunità tal-enerġija rinnovabbli.

2b. L-għajnuna operatorja għall-produzzjoni tal-idroġenu għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss għal installazzjonijiet li jipproduċu idroġenu esklussivament rinnovabbli.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-għajnuna operatorja għall-produzzjoni ta' bijofjuwils, bijolikwidi, bijogass u fjuwils tal-bijomassa għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss sal-punt li l-fjuwils megħjuna jkunu konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u tal-atti ta' implimentazzjoni jew delegati tagħha u jsiru mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva.";

(31) L-Artikolu 44 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 44*

Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi skont id-Direttiva 2003/96/KE

1. L-iskemi ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE* għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. Il-benefiċjarji tat-tnaqqis tat-taxxa għandhom jintgħażlu abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi u għandhom iħallsu mill-inqas il-livell minimu ta' taxxa tal-Unjoni rispettiv meħtieġ mid-Direttiva 2003/96/KE.

3. L-iskemi ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi jistgħu jkunu bbażati fuq tnaqqis tar-rata tat-taxxa applikabbli jew fuq il-ħlas ta' ammont ta' kumpens fiss jew fuq kombinament ta' dawn il-mekkaniżmi.

4. It-tnaqqis fit-taxxa għall-prodotti definiti fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE għandu jkun eżentat mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat biss sal-punt li l-fjuwils megħjuna jkunu konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-atti ta' implimentazzjoni jew delegati tagħha, u jsiru mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva.

5. It-tnaqqis fit-taxxa favur negozji konċentrati fl-enerġija definit fl-Artikolu 17(1), il-punt (a) tad-Direttiva tal-Kunsill2003/96/KE għandu jkun eżentat mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Il-benefiċjarji taħt tali skemi li huma intrapriżi kbar għandhom barra minn hekk:

(a) jikkonformaw mal-obbligu li jwettqu awditu tal-enerġija skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew bħala awditu indipendenti tal-enerġija jew fil-qafas ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Enerġija ċċertifikata jew Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali, pereżempju l-iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) tal-UE; u

(b) fi żmien [tliet snin] mill-mument li jingħata t-tnaqqis:

– jimplimentaw rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar, sal-punt li ż-żmien ta' ħlas lura għall-investimenti rilevanti ma jaqbiżx it-tliet snin u li l-ispejjeż tal-investimenti tagħhom ikunu proporzjonati; jew alternattivament

– jinvestu sehem sinifikanti ta' mill-inqas 50 % tal-ammont tat-tnaqqis fi proġetti li jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-installazzjoni. Fejn applikabbli, dan jenħtieġ li jwassal għal tnaqqis ferm taħt il-parametru referenzjarju rilevanti użat għall-allokazzjoni bla ħlas fl-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet.

____

* Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).";

(32) jiddaħħal l-Artikolu 44a li ġej:

"Artikolu 44a

Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali jew fl-imposti parafiskali

1. L-iskemi ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali jew fl-imposti parafiskali għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal tnaqqis fit-taxxi jew imposti fuq prodotti ta' enerġija, inkluż l-elettriku.

2. Il-benefiċjarji tat-tnaqqis fit-taxxi jew fl-imposti għandhom ikunu l-impriżi l-aktar affettwati minn taxxa jew imposta ogħla, li ma jistgħux jgħaddu ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni lill-klijenti mingħajr tnaqqis sinifikanti fil-bejgħ. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu abbażi ta' kriterji trasparenti, mhux diskriminatorji u oġġettivi.

3. L-għajnuna għandha tingħata bl-istess mod lill-impriżi kollha attivi fl-istess settur ta' attività ekonomika li jkunu fl-istess sitwazzjoni fattwali jew f'sitwazzjoni fattwali simili fir-

rigward tal-objettivi tat-tnaqqis fit-taxxi jew fl-imposti. L-ekwivalenti gross tal-għotja tal-għajnuna ma għandux jaqbeż it-80 % tar-rata nominali tat-taxxa jew tal-imposta.

4. L-iskemi ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali jew fl-imposti parafiskali jistgħu jkunu bbażati fuq tnaqqis tar-rata tat-taxxa applikabbli jew fuq il-ħlas ta' ammont ta' kumpens fiss jew fuq kombinament ta' dawn il-mekkaniżmi.";

(33) l-Artikoli 45 u 46 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 45*

Għajnuna għall-investiment għar-rimedju tal-ħsara ambjentali, ir-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-ekosistemi, il-protezzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità jew l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

1. L-għajnuna għall-investiment għar-rimedju tal-ħsara ambjentali, ir-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-ekosistemi, il-protezzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità jew l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna għandha tingħata għal investimenti li jwasslu għal wieħed jew aktar mir-riżultati li ġejjin:

(a) ir-rimedju ta' ħsara ambjentali, inkluża ħsara lill-kwalità tal-ħamrija, tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art jew lill-ambjent tal-baħar;

(b) ir-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-ekosistemi minn stat degradat;

(c) il-protezzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità jew tal-ekosistemi fejn dawk l-investimenti jikkontribwixxu għall-kisba tal-kundizzjoni tajba tal-ekosistemi jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi li diġà huma f'kundizzjoni tajba;

(d) l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

2a. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat mit-terremoti, il-valangi, iż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet, l-għargħar, it-tornadoes, l-uragani, l-eruzzjonijiet vulkaniċi u n-nirien selvaġġi ta' oriġini naturali li hija koperta mill-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament.

2b. L-għajnuna għar-riabilitazzjoni wara l-għeluq tal-impjanti tal-enerġija u tal-operazzjonijiet tal-minjieri ma għandhiex tiġi eżentata skont dan l-Artikolu mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà għad-danni ambjentali, b'mod partikolari d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, fejn tiġi identifikata l-impriża responsabbli għad-danni ambjentali skont il-liġi applikabbli f'kull Stat Membru, dik l-impriża għandha tiffinanzja x-xogħlijiet meħtieġa għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tad-degradazzjoni u l-kontaminazzjoni ambjentali skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", u ma għandha tingħata l-ebda għajnuna għax-xogħlijiet li l-impriża tkun legalment meħtieġa twettaq. L-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, inklużi azzjonijiet legali, biex jidentifika l-impriża responsabbli u jġegħilha ġġorr l-ispejjeż rilevanti. Meta l-entità responsabbli skont il-liġi applikabbli ma tkunx tista' tiġi identifikata jew imġegħla ġġorr l-ispejjeż, b'mod partikolari minħabba li l-impriża responsabbli ma tkunx għadha teżisti legalment u l-ebda impriża oħra ma tkun tista' titqies bħala s-suċċessur legali

tagħha, jew fejn ma jkunx hemm biżżejjed sigurtà finanzjarja biex jiġu ssodisfati l-ispejjeż tar-rimedju, tista' tingħata għajnuna biex jiġi appoġġat il-proġett kollu. L-għajnuna ma għandhiex tingħata għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kumpens imsemmija fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE**. L-għajnuna tista' tingħata skont dan l-Artikolu biex tkopri l-ispejjeż addizzjonali meħtieġa biex jiżdied il-kamp ta' applikazzjoni jew l-ambizzjoni ta' dawk il-miżuri, lil hinn mill-obbligi legali skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

4. Għal investimenti fir-rimedju ta' ħsara ambjentali jew fir-riabilitazzjoni ta' ħabitats naturali u ekosistemi, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż imġarrba għax-xogħlijiet ta' rimedju jew ta' riabilitazzjoni, wara li titnaqqas iż-żieda fil-valur tal-art jew tal-proprjetà.

5. L-evalwazzjonijiet taż-żieda fil-valur tal-art jew tal-proprjetà li tirriżulta minn rimedju jew riabilitazzjoni għandhom jitwettqu minn espert kwalifikat indipendenti.

5a. Għall-investimenti fil-protezzjoni jew fir-restawr tal-bijodiversità u fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż totali tax-xogħlijiet li jirriżultaw fil-kontribuzzjoni għall-protezzjoni jew għar-restawr tal-bijodiversità jew fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

6. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż:

(a) 100 % tal-ispejjeż eliġibbli għal investimenti fir-rimedju ta' ħsara ambjentali jew fir-riabilitazzjoni ta' ħabitats u ekosistemi naturali;

(b) 70 % tal-ispejjeż eliġibbli għal investimenti fil-protezzjoni jew fir-restawr tal-bijodiversità u f'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

7. L-intensità tal-għajnuna għall-investimenti fil-protezzjoni jew fir-restawr tal-bijodiversità u fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tista' tiżdied b'20 punt perċentwali għall-għajnuna mogħtija lil impriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għall-għajnuna mogħtija lil impriżi ta' daqs medju.

Artikolu 46

Għajnuna għall-investiment għall-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali

1. L-għajnuna għall-investiment għall-bini jew għat-titjib ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti fl-enerġija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

1a. L-għajnuna għandha tingħata biss għall-bini jew għat-titjib ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali li huma jew li għandhom isiru effiċjenti fl-enerġija. Meta s-sistema tkun għadha ma saritx effiċjenti fl-enerġija bħala riżultat tax-xogħlijiet appoġġati, it-titjib ulterjuri meħtieġ biex jintlaħaq l-istandard tal-effiċjenza fl-enerġija għandu jibda fi żmien tliet snin mill-bidu tax-xogħlijiet appoġġati.

1b. L-għajnuna ma tingħatax għall-kostruzzjoni jew għat-titjib ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni bbażati fuq il-fjuwils fossili, ħlief għall-gass naturali. L-għajnuna għall-bini jew għat-titjib tal-ġenerazzjoni bbażata fuq il-gass naturali tista' tingħata biss meta tkun żgurata l-konformità mal-miri klimatiċi tal-2030 u tal-2050.

1c. L-għajnuna għat-titjib tan-networks tal-ħżin u tad-distribuzzjoni li jittrażmettu t-tisħin u t-tkessiħ iġġenerati abbażi tal-fjuwils fossili tista' tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) in-network ta' distribuzzjoni jkun jew isir adattat għat-trażmissjoni tat-tisħin jew tat-tkessiħ iġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

(b) it-titjib ma jirriżultax f'żieda fil-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-fjuwils fossili ħlief għall-gass naturali;

(c) f'każ ta' titjib fil-ħżin jew fin-network li jqassam it-tisħin u t-tkessiħ iġġenerati mill-gass naturali, hija żgurata l-konformità mal-miri klimatiċi tal-2030 u tal-2050.

2. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż ta' investiment relatati mal-kostruzzjoni jew mat-titjib ta' sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti fl-enerġija.

3. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż 30 % tal-ispejjeż eliġibbli."; L-intensità tal-għajnuna tista ' tiżdied b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil impriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil impriżi ta' daqs medju.

4. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali għal investimenti li jużaw biss sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluża l-koġenerazzjoni ekoloġika.

5. Bħala alternattiva għall-paragrafu 3, l-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq sa 100 % tad-diskrepanza fil-finanzjament, ikkalkolata bħala d-differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investiment u skontati għall-valur kurrenti tagħhom bl-użu tal-kost tal-kapital.

---

* Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

** Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).";

(34) l-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu u l-paragrafi 1 sa 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 47*

Għajnuna għall-investiment għall-effiċjenza fir-riżorsi u għall-appoġġ tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari

1. L-għajnuna għall-investiment għall-effiċjenza fir-riżorsi u għaċ-ċirkolarità għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna għandha tingħata għat-tipi ta' investimenti li ġejjin:

(a) investimenti li jtejbu l-effiċjenza fir-riżorsi permezz ta' wieħed jew it-tnejn minn dawn li ġejjin:

– tnaqqis nett fir-riżorsi kkonsmati fil-produzzjoni ta' kwantità partikolari ta' output. Ir-riżorsi kkonsmati għandhom jinkludu r-riżorsi materjali kollha kkonsmati, bl-eċċezzjoni tal-enerġija, u t-tnaqqis għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni tal-miżura ta' għajnuna, filwaqt li jitqies kwalunkwe aġġustament għall-kundizzjonijiet esterni li jista' jaffettwa l-konsum tar-riżorsi;

– is-sostituzzjoni ta’ materja prima primarja b’materja prima sekondarja (użata mill-ġdid jew riċiklata);

(b) investimenti għat-tnaqqis, il-prevenzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-għażla u r-riċiklaġġ tal-iskart iġġenerat mill-benefiċjarju jew investimenti għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-għażla u r-riċiklaġġ tal-iskart iġġenerat minn partijiet terzi u li nkella ma jintużax, jintrema, jew jiġi ttrattat abbażi ta’ operazzjoni ta’ trattament li tinsab aktar ’l isfel fl-ordni ta’ prijorità tal-ġerarkija tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 4, il-punt (1) tad-Direttiva 2008/98/KE jew b’mod inqas effiċjenti fir-riżorsi, jew li twassal għal kwalità aktar baxxa tar-riċiklaġġ;

(c) investimenti għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-għażla u r-riċiklaġġ ta’ prodotti, materjali jew sustanzi oħra ġġenerati mill-benefiċjarju jew minn partijiet terzi u li kieku ma jintużawx, jintremew, jew jiġu rkuprati b’mod inqas effiċjenti fir-riżorsi, jew iwasslu għal kwalità aktar baxxa ta’ riċiklaġġ;

(d) investimenti għall-ġbir separat u l-għażla tal-iskart jew ta’ prodotti, materjali jew sustanzi oħra bil-ħsieb tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.

3. L-għajnuna għall-operazzjonijiet ta’ rimi tal-iskart u ta’ rkupru tal-iskart biex tiġi ġġenerata l-enerġija ma għandhiex tiġi eżentata skont dan l-Artikolu mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

4. L-għajnuna ma għandhiex teħles lill-impriżi li jiġġeneraw l-iskart minn kwalunkwe spiża jew obbligu relatat mat-trattament tal-iskart li għalih huma responsabbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, inkluż taħt skemi ta’ responsabbiltà estiża tal-produtturi, jew minn spejjeż li jenħtieġ li jitqiesu bħala spejjeż normali għal impriża.

5. L-investiment ma għandux sempliċiment iżid id-domanda għall-iskart jew għal prodotti, materjali jew sustanzi oħra maħsuba biex jintużaw mill-ġdid, jiġu riċiklati jew irkuprati mingħajr ma jiżdied il-ġbir ta’ dawk il-materjali.

6. L-investiment għandu jmur lil hinn mill-prattiki kummerċjali ekonomikament profittabbli jew stabbiliti li ġeneralment jiġu applikati madwar l-Unjoni u bejn it-teknoloġiji. Minn perspettiva teknoloġika, l-investiment jenħtieġ li jwassal għal grad ogħla ta’ riċiklabbiltà jew għal kwalità ogħla tal-materjal riċiklat meta mqabbel mal-prattika normali.

7. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż addizzjonali tal-investiment iddeterminati billi jitqabblu l-ispejjeż totali tal-investiment tal-proġett ma’ dawk ta’ proġett jew ta’ attività li jagħmlu aktar ħsara lill-ambjent li jistgħu jkunu waħda minn dawn li ġejjin:

(a) investiment komparabbli li jitwettaq b’mod kredibbli mingħajr għajnuna u li ma jilħaqx l-istess livell ta’ effiċjenza fir-riżorsi;

(b) it-trattament tal-iskart ibbażat fuq operazzjoni ta’ trattament li tinsab aktar ’l isfel fl-ordni ta’ prijorità tal-ġerarkija tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 4, il-punt (1) tad-Direttiva 2008/98/KE jew b’mod inqas effiċjenti fir-riżorsi;

(c) il-proċess ta’ produzzjoni konvenzjonali relatat mal-materja prima jew il-prodott primarju, jekk il-prodott (sekondarju) użat mill-ġdid jew riċiklat ikun teknikament u ekonomikament sostitwibbli bil-materja prima jew il-prodott primarju.

Meta l-investiment ikun jikkonsisti f’investiment supplimentari għal faċilità diġà eżistenti, li għaliha ma jkun hemm l-ebda ekwivalenti li jagħmel aktar ħsara lill-ambjent, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż totali tal-investiment.”;

(b) fil-paragrafu 8, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

8. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż 40 % tal-ispejjeż eliġibbli.";

(c) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. L-għajnuna ma għandhiex tingħata meta l-investiment isir biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards applikabbli tal-Unjoni.";

(35) L-Artikolu 48 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 48*

Għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-enerġija

1. L-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni jew it-titjib ta' infrastrutturi tal-enerġija għandu jkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandu jkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. L-għajnuna għall-infrastruttura tal-enerġija li hija parzjalment jew kompletament eżentata mir-regolamentazzjoni dwar l-aċċess jew it-tariffi ta' partijiet terzi f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija ma għandhiex tiġi eżentata skont dan l-Artikolu mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

3. L-għajnuna għall-infrastruttura tal-gass għandha tkun eżentata biss mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat meta l-infrastruttura inkwistjoni tkun iddedikata għall-użu tal-idroġenu u/jew għall-gassijiet rinnovabbli, jew użata prinċipalment għat-trasport tal-idroġenu u tal-gassijiet rinnovabbli.

4. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż tal-investiment [totali].

5. L-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq sa 100 % tad-diskrepanza fil-finanzjament, ikkalkolata bħala d-differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investiment u skontati għall-valur kurrenti tagħhom bl-użu tal-kost tal-kapital.";

(36) L-Artikolu 49 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 49*

Għajnuna għal studji u servizzi ta' konsulenza dwar kwistjonijiet ta' ħarsien ambjentali u tal-enerġija

1. L-għajnuna għall-istudji jew għas-servizzi ta' konsulenza, inkluż l-awditjar tal-enerġija, direttament marbuta mal-investimenti eliġibbli għall-għajnuna skont din it-Taqsima għandha tkun kompatibbi mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. Meta l-istudju jew is-servizz ta' konsulenza kollu jkun jikkonċerna investimenti eliġibbli għall-għajnuna skont din it-Taqsima, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż tal-istudju jew tas-servizz ta' konsulenza. Meta parti biss mill-istudju jew mis-servizz ta' konsulenza tikkonċerna investimenti eliġibbli għall-għajnuna skont din it-Taqsima, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż tal-parti tal-istudju jew tas-servizz ta' konsulenza relatati ma' dawk l-investimenti.

2a. L-għajnuna għandha tingħata irrispettivament minn jekk is-sejbiet tal-istudju jew tas-servizz ta' konsulenza humiex segwiti minn investiment eliġibbli għall-għajnuna skont din it-Taqsima.

3. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż 60 % tal-ispejjeż eliġibbli.";

4. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied b'20 punt perċentwali għal studji jew servizzi ta' konsulenza li jsiru f'isem impriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal studji jew servizzi ta' konsulenza li jsiru f'isem impriżi ta' daqs medju.

5. L-għajnuna ma għandhiex tingħata għal awditjar tal-enerġija mwettaq għall-konformità mad-Direttiva 2012/27/UE, sakemm l-awditjar tal-enerġija ma jitwettaqx flimkien mal-awditjar obbligatorju tal-enerġija skont dik id-Direttiva.";

(37) l-Artikolu 56e huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, il-punt (b), il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iv) fil-każ ta' installazzjonijiet li jipproduċu bijofjuwils, l-għajnuna għandha tingħata biss għal installazzjonijiet li jipproduċu bijofjuwils konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-atti ta' implimentazzjoni jew delegati tagħha u li jsiru mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva.";

(b) fil-paragrafu 6, il-punt (a), il-punt (v) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(v) infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil li tissupplixxi lill-vetturi bl-elettriku jew bl-idroġenu rinnovabbli jew b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju.";

(c) fil-paragrafu 7, il-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) investiment għall-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità f'konformità mal-Artikolu 47(1) sa (6) u (10);";

(d) fil-paragrafu 8, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Mingħajr preġudizzju għall-punt (a) hawn fuq, meta l-miżura ta' għajnuna tkun relatata mat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija ta' (i) bini residenzjali, (ii) bini ddedikat għall-provvista ta' servizzi edukattivi jew servizzi soċjali jew għall-ġustizzja, l-infurzar tal-liġi jew is-servizzi tat-tifi tan-nar u tal-protezzjoni ċivili, (iii) bini ddedikat għal attivitajiet relatati mal-amministrazzjoni pubblika, jew (iv) bini msemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) u li fih attivitajiet minbarra dawk imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iii) jokkupaw inqas minn 50 % tal-erja interna tal-art, l-għajnuna tista' tingħata wkoll għal miżuri li jtejbu simultanjament l-effiċjenza fl-enerġija ta' dawk il-binjiet u jintegraw kwalunkwe wieħed mill-investimenti li ġejjin jew kollha:

(i) l-installazzjoni ta' installazzjonijiet integrati tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post li jiġġeneraw l-elettriku, is-sħana jew il-kesħa;

(ii) l-installazzjoni ta' tagħmir għall-ħżin tal-enerġija ġġenerata mill-installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post;

(iii) il-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' infrastruttura għall-irriċarġjar għall-użu mill-utenti tal-bini, u infrastruttura relatata, bħall-kanali, fejn il-faċilitajiet għall-parkeġġ tal-karozzi jinsabu jew fil-bini jew ikunu fiżikament maġenb il-bini;

(iv) l-installazzjoni ta' tagħmir għad-diġitalizzazzjoni tal-bini, b'mod partikolari biex tiżdied il-prontezza intelliġenti tiegħu, inklużi wajers passivi interni jew kejbils strutturati għan-networks tad-*data* u l-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà li għaliha jappartjeni l-bini, iżda bl-esklużjoni tal-wajers jew tal-kejbils għan-networks tad-*data* barra mill-proprjetà hija eskluża;

(v) investimenti fi bjut ħodor u f'tagħmir għall-irkupru tal-ilma tax-xita.

Il-benefiċjarju finali tal-għajnuna jista' jkun jew sid(ien) tal-bini jew inkwilin(i), skont min jikseb il-finanzjament għall-proġett;"

(e) fil-paragrafu 10, il-punt (a), il-punti (i) u (ii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) SMEs mhux elenkati li għadhom ma kinux qed joperaw fi kwalunkwe suq jew li ilhom joperaw għal inqas minn 10 snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom, sakemm ma jkunux ħadu f'idejhom l-attivitajiet ta' intrapriża oħra jew ikunu ġew ifformati permezz ta' fużjoni, f'liema każ il-perjodu ta' għaxar snin jinkludi wkoll l-operazzjonijiet ta' dik l-intrapriża jew tal-kumpaniji magħquda. Għal impriżi eliġibbli li ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà ta' għaxar snin huwa meqjus li jibda mill-mument meta l-intrapriża tibda l-attività ekonomika tagħha jew mill-mument meta ssir soġġetta għat-taxxa fir-rigward tal-attività ekonomika tagħha, liema minnhom tkun l-ewwel;

(ii) SMEs mhux elenkati li jibdew attività ekonomika ġdida, fejn l-investiment inizjali għandu jkun ogħla minn 50 % tal-fatturat annwali medju fil-ħames snin preċedenti. L-investimenti mmirati lejn it-titjib sinifikanti tal-prestazzjoni ambjentali tal-attività lil hinn mill-istandards obbligatorji tal-Unjoni, jew lejn il-bidu ta' attività ġdida favur l-ambjent, għandhom jitqiesu bħala attività ekonomika ġdida jekk ir-rekwiżiti ta' finanzjament inizjali tagħhom ikunu ogħla minn [30 %] tal-fatturat annwali medju fil-ħames snin preċedenti. Il-karattru ambjentalment sostenibbli tal-investiment għandu jintwera f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew permezz ta' metodoloġiji komparabbli oħra;";

(38) Fl-Anness II, il-Parti II hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-[…] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
[…]